IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Ġunju 2008

Dwar l-għajnuna mill-istat C 9/08 (ex NN 8/08, CP 244/07) implimentata mill-Ġermanja għar-ristrutturar ta' Sachsen LB

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2269)

(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/341/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, speċjalment l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, speċjalment l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li sejħet il-partijiet ikkonċernati kollha biex jieħdu pożizzjoni skont l-Artikoli msemmija [1] u biex tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURI

(1) Il-każ imur lura għal talba ta' informazzjoni, li ġiet mitluba uffiċjalment lill-Ġermanja fil-21 ta' Awwissu 2007. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Jannar 2008 il-Ġermanja ddikjarat il-miżuri għal raġunijiet ta' sigurtà legali bħala "mhux għajnuna", u speċifikat bħala prekawzzjoni, li l-miżuri għandhom jiġu meqjusa f'kull każ bħala għajnuna għas-salvataġġ jiġifieri għar-ristrutturar mill-ġdid konformi mas-suq kommuni.

(2) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha, li minħabba il-miżuri, hi kienet ser tibda l-proċeduri skont l-Artikolu 88 paragrafu 2 tat-Trattat tal-KE.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda proċeduri formali għall-verifikazzjoni (minn issa 'il quddiem imsejħa "id-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri" ġiet ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni titlob lil partijiet konċernati, biex jieħdu pożizzjoni dwar l-għajnuna.

(4) Wara l-bidu tal-proċeduri formali għall-verifikazzjoni, il-Ġermanja ħadet pożizzjoni fit-28 ta' Marzu 2008 u fl-10, 16, 23 u 30 t'April 2008. Fis-16 ta' April 2008 kien hemm qbil dwar din il-pożizzjoni minn pajjiż terz. Hawnhekk il-Ġermanja esprimiet lilha nnifisha permezz tal-ittra tat-30 t'April 2008.

(5) Ġew organizzati numru ta' laqgħat u telekonferenzi regolari mal-Ġermanja, mal-benefiċjarju u mal-bank reġjonali ta' Baden-Württemberg (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "LBBW")

2. INTRODUZZJONI

(6) Il-każ preżenti jmur lura għall-kriżi subprime Amerikana li għada għaddejja s'issa, li ġibdet magħha l-clearing house tal-bank reġjonali ta' Sachsen u speċjalment wieħed mill-conduits finanzjarji tiegħu, Ormond Quay.

(7) Conduit, anke entità bi skopijiet speċjali (*mezz għal skopijiet speċjali*) jew kif msejjħa mezz ta' investiment (*mezz għal investimenti speċjali* – SIV), hija kumpanija (normalment tip ta' kumpanija b'reponsabiltà limitata jew f'ċerti każijiet negozji bi shab b'responsabiltà limitata), li ġiet imwaqqfa b'miri speċifiċi, definiti u temporanji, biex normalment jinqatgħu riskji finanzjarji (normalment fallliment, iżda kultant anke riskju fiskali jew regolatorju). F'dak li għandu x'jaqsam mas-SIV kollox reġa' mar lura għal li kien, għaliex hi hija off-balance u m'għandix għalfejn tiġi kkonsolidata minn banek. Għalhekk banek ikunu jistgħu jiffinanzjaw krediti b'rati, li huma aktar baxxi minn tagħhom (għaliex huma stess huma marbuta ma' rati ta' likwidazzjoni marbuta mas-sorveljanza legali tal-bank). L-entità bi skopijiet speċjali tiffinanzja mill-ġdid investimenti f'asset-backed secutirties ("asset-backed securities", minn issa 'il quddiem imsejjħa "ABS"), fejn hi tiġbor flus fis-suq għal commercial papers [3] ("Commercial Papers", minn issa 'il quddiem imsejjħa "CP"). Kull nuqqas ta' likwidità fl-entità bi skopijiet speċjali (jekk is-CP kollha ma jiġux mibjugħa) jiġi kumpensat b'limiti tal-kreditu disponibbli ta' banek kummerċjali.

(8) Sachsen LB tiffinanzja aktar lill-entità għal skopijiet speċjali Ormond Quay Investments permezz ta' ABS, li

[1] ĠU C 71, 18.3.2008, p. 14.
[2] Ara n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna.
[3] Commercial Papers huma titoli fil-forma ta' djun għal żmien qasir mhux garantiti, li jingħataw minn banek kbar u intrapriżi kbar għas-suq finanzjarju.

jinkludu ukoll titoli b'garanzija fuq ipoteki Amerikani. Biex tiġi koperta aktar il-likwidità meħtieġa tal-conduits, f'każ li l-banek kummerċjali jwaqqfu l-limitu tal-kreditu disponibbli, Sachsen LB ikollha tiggarantixxi il-likwidità ta' Ormond Quay u tipprovdi faċilitajiet speċjali għal-likwidità. Biex taddatta ruħha għal dan ir-riskju Sachsen LB tirċievi reċiprokament il-profitt żejjed akkwistat mill-entità għal skopijiet speċjali bħala ħlas. Mill-finanzjament tal-investimenti ABS bi profitt għoli għal żmien twil, Ormond Quay qed timmira għal profitti konsiderevoli aktar minn dawk ta' CP b'rata ta' interessi baxxi għal żmien qasir.

(9) Minħabba l-kriżi subprime Amerikana, il-kondizzjonijiet tas-suq marru għall-aġħar. Mal-mixja ta' din il-kriżi l-akbar tliet aġenziji tar-rating niżżlu l-grad ta' parti kbira tat- titoli b'garanzija fuq ipoteki s'issa klassifikati b'A + sa BB parzjalment anke għal CCC minħabba il-kwoti għall-infurzar għal nuqqas fi proftti u għafis, li immedjatament niżżlet il-valur tal-ABS. Meta wieħed jikkunsidra dan l-ambjent fis-suq il-hedge funds investituri istituzzjonali jirrifjutaw li jkomplu jinvestu f'CP b'garanzija fuq ipoteki. L-entitajiet għal skopijiet speċjali riżultat ta' dan ma kinux aktar fil-pożizzjoni li jissellfu flus għal CP b'sigurtà ta' ħlas għal żmien qasir.

(10) Ormond Quay kienet marret finanzjarjament ħażin minħabba dan l-iżvilupp. Barra dan il-banek kummerċjali naqqsu il-limitu tal-kreditu disponibbli, b'tali mod li Ormond Quay ġiet kostretta, li tieħu l-faċilità tal-likwidità ta' Sachsen LB. Meta f'Awwissu tal-2007 Ormond Quay ma setgħetx tiffinanzja mill-ġdid, il-ħtieġa tal-likwidità kienet sa EUR 17,1 biljun. Sachsen LB ma' setgħetx tipprovdi l-faċilitajiet ta' krediti mifthema. Peressi li bejgħ b'emerġenza ta' titoli ([4]) taħt dawn il-kondizzjonijiet ħżiena tas-suq kien ifisser telf kbir għall-Sachsen LB u fl-aħħar kien iwassal għall-falliment tal-bank, ġew meħuda diversi miżuri.

3. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI**

3.1. *IL-BENEFIĊJARJI*

(11) Il-benefiċjarju huwa Sachsen LB. Persuni li għandhom ishma f'Sachsen LB kienu marbuta mal-istat ta' Sachsen (madwar 37 %) kif ukoll mal-grupp finanzjarju Sachsen-Finanzgruppe (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "SFG", madwar 63 %), mat-tmien banek tat-tfaddil ta' Sachsen li jaħdmu flimkien ma' Sachsen LB fuq skala nazzjonali taħt saqaf wieħed ta' ishma. 77,6 % tal-popolazzjoni ta' Sachsen u 22,4 % tal-istat ta' Sachsen għandhom ishma fl-SFG.

(12) FI-2006 Sachsen LB kellu is-somma ta' kontijiet ikkonsolidati ta' EUR 67.8 biljun u kapital ta' EUR 880 miljun. Sachsen LB kien il-bank ċentrali tal-banek tat-tfaddil ta' Sachsen. Bħala bank kummerċjali Sachsen LB kien jagħmel tranżazzjonjiet bankarji ta' kull tip. Sachsen LB Europe plc (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "Sachsen LB Europe") kienet mija fil-mija kumpanija sussidjarja ta' Sachsen LB ibbażata f'Dublin. Bħala kumpanija li toffri servizzi għal investimenti finanzjarji strutturati kienet sa nofs is-sena 2007 l-akbar sors ta' profitt għal Sachsen LB-Gruppe.

(13) Sat-18 ta' Lulju 2005 għal Sachsen LB kien għadhom jgħoddu garanziji statali mingħajr limiti fil-qasam ta' pożijiet fuq istituzzjonijiet oħra u ta' istituzzjonijiet legali għall-ġbir ta' djun f'każ ta' falliment, li wara ġew aboliti fuq bażi ta' ftehim bejn il-Ġermanja u l-Kummissjoni. Wara ftehim I tas-17 ta' Lulju 2001 ishma ta' obbligazzjoni ġodda setgħu joħorġu bħala protezzjoni ta' assi (ħekk imsejjaħ "Grandfathering") għal żmien tranżitorju sat-18 ta' Lulju 2005 bil-perjodu tal-validità sal-31 ta' Diċembru 2015 bi protezzjoni permezz ta' istituzzjonijiet legali għall-ġbir ta' djun f'każ ta' falliment ([5]).

(14) Fis-26 t'Ottubru 2007 il-forma legali tal-kumpanija Sachsen LB ġiet mibdula minn istituzzjoni tal-liġi pubblika għal korporazzjoni.

(15) Fis-26 t'Awwissu 2007 Sachsen LB ġie mibjugħ lil LBBW b'effett mill-1 ta' Jannar 2008. Wara li LBBW ħa il-kontroll fis-7 ta' Marzu 2008, Sachsen LB ġie integrat ma' LBBW.

3.2. *IX-XERREJJA TAL-BENEFIĊJARJI*

(16) Il-Bank reġjonali tal-istat ta' Baden-Württemberg (LBBW) huwa kemm bank universali kif ukoll bank kummerċjali. Flimkien mal-BW-Bank; il-bank reġjonali tagħha għal tranżazzjonjiet privati u ta' intrapriżi, huwa joffri l-għażla kollha ta' prodotti bankarji. L-LBBW jiffunzjona ukoll bħala bank ċentrali għal banek tat-tfaddil ta' Baden-Württemberg. Huwa jiffunzjona ukoll bl-istess mod għal banek tat-tfaddil ta' Rheinland-Pfalz flimkien mal-bank reġjonali ta' Rheinland-Pfalz, li hu ħa l-kontroll tiegħu fl-1 ta' Jannar 2005.

(17) Il-mudell tal-LBBW, li issa ġie estiż għal Sachsen, huwa bbażżat fuq banek li għandhom għeruq lokali, li jikkonċentraw fuq tranżazzjonjiet ta' intrapriżi medji u żgħar u fuq tranżazzjonjiet privati (BW-Bank għal Baden-Württemberg, RP-Bank għal Rheinland-Pfalz u issa Sachsen Bank għal Sachsen), u fuq funzjonijiet ċentralizzati fi Stuttgart, li jinvolvu wkoll fergħa tal-LBBW f'Sachsen u f'Rheinland-Pfalz.

3.3. *IL-MIŻURI*

(18) Bħad-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri ([6]) deskritta fid-dettal, il-kriżi subprime Amerikana li għadha għaddejja s'issa ġibdet magħha lill-Sachsen LB, speċjalment minħabba il-Conduit Ormond Quay li hija off-balance, li ma kinitx fil-pożizzjoni, li tiffinanzja mill-ġdid lilha nnfisha, u biex jiġi evitat il-bejgħ b'emerġenza, kellha likwidità meħtieġa ta' EUR 17,1 biljun.

([4]) Bejgħ ta' malajr ta' titoli, għal prezz baxx u li jġibu telf.

([5]) Ara E 10/2000 għad-dettalji, ĠU C 146, 19.6.2002, p. 6 u ĠU C 150, 22.6.2002, p. 7) u f' http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/register/ii/by_case_nr_e2000_0000.html#10

([6]) Qabbel mad-deċiżjoni msemmija fin-nota 1.

3.3.1. IL-FAĊILITA GĦAL-LIKWIDITÀ

(19) Fid-19 ta' Awwissu 2007 numru ta' banek ("bank pool"), magħmul minn għaxar banek reġjonali Ġermaniżi u mid-DekaBank kontrollat taħt il-liġi pubblika mill-banek reġjonali Ġermaniżi u mid-DSGV iffirmaw trattat għall-ippuljar, li bih il-pool banks ġew obbligati, li jixtru is-CP maħruġa mill-Ormond Quay għal valur ta' EUR 17,1 biljun jekk dawn ma jkunux jistgħu joħorġu fis-suq ("obbligu ta' xiri").

(20) Kull pool bank kellu jakkwista is-CP ekwivalenti f'ismu u għall-ispejjeż tiegħu. Id-djun flimkien ġew eliminati. Id-DekaBank ħa l-kontroll ta' madwar […] (*) tal-volum tas-CP. Il-bqija ġew meħuda mill-banek l-oħra, fejn it-tqassim kien konformi mal-kobor u d-dejta bażika ta' kull bank individwali. Skond l-informazzjoni disponibbli għal Ġermanja il-bank pool issottometta offerti għal CP ta' massimu ta' EUR […] sa Jannar tal-2008.

(21) Għax-xiri tas-CP, il-pool banks irċevew bħala kumpens rata ta' interessi għar-referenza determinata (EURIBOR kif ukoll LIBOR, it-tnejn skont l-oriġini ta' tal-assi u […] punti bażiċi.) Il-maturita tas-CP ma kelliex taqbeż ix-xahar. It-trattat tal-ippuljar kien limitat għall-perjodu ta' sitt xhur. L-obbligu tax-xiri kien biss għas-CP, li għalih investimenti minn investituri oħra li mhumiex il-pool banks ma kinux possibbli.

(22) Waqt li f'Awwissu tal-2007 id-domanda għal CP garantiti permezz ta' ipoteki ġiet kompletament imwaqqfa u għal dawn it-tip ta' investimenti ma kien fadal l-ebda suq li jiffunzjona, bil-mod il-mod is-sitwazzjoni bdiet ġejja 'il quddiem. Minn Ottubru 2007 ftit investituri barra mit-trattat għall-ippuljar u l-kondizzjonijiet miftehma fih jiġifieri għall-ħlas ta' inqas minn […(50-100)] punti bażiċi xtraw CP mill-ġdid (speċjalment […(banek, li huma fis-settur pubbliku)]) b'tali mod li t-trattat għall-ippuljar tilef l-iskop oriġinali tiegħu. It-trattat għall-ippuljar spiċċa fit-23 ta' Frar 2008.

3.3.2. IL-BEJGĦ TA' SACHSEN LB

(23) Sachsen LB beda sa mill-2005 ifittex għal sieħeb strateġiku, speċjalment fost il-banek reġjonali l-oħra (7). B'riżultat tan-negozjati minn qabel, in-negozjati dwar il-bejgħ ta' Sachsen LB fit-23 ta' Awwissu 2007 saru malajr, jiġifieri ġimgħa biss wara l-iffirmar tat-trattat għall-ippuljar, kif jidher fid-dettal fid-deċizjoni għall-bidu ta' proċeduri (8), li rreġistrat telf ta' EUR 250 miljun għal Sachsen LB. Peress li t-telf għal settijiet ta' investiment finanzjarji strutturati ta' Sachsen LB wassal għal aktar konsum ta' kapital, li sa ċertu punt kellu l-konsegwenza, li ż-żamma mal-linji ta' gwida regolatorji tal-bank dwar riżorsi kapitali bħala servizzi bankarji ma ġietx aktar garantita, is-sidien tal-ishma ta' Sachsen LB kellhom isibu soluzzjoni sostennibbli għall-ekonomija. Għalhekk tmexxew taħditiet esploratorji ma' dawk interessati għall-akkwist ta' Sachsen LB, li warajhom saru negozjati intensivi ma' ħafna partijiet interessati.

(24) Fl-aħħar LBBW ħadet il-bejgħ b'tender, għaliex huwa ssottometta l-aħjar offerta għall-ekonomija Ġermaniża. Għal-LBBW kien hemm interess kummerċjali speċjali, li permezz tal-akkwist ta' Sachsen LB ma tkabbarx biss ir-rappreżentanza tagħha fis-suq ta' Sachsen biss, iżda speċjalment anke f'dak tal-Ewropa tal-Lvant b'mod konsiderevoli.

(25) Fis-26 ta' Awwissu 2007 ġie ffirmat kuntratt ("konvenju") dwar il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW għall-1 ta' Jannar 2008. Wara dan il-konvenju il-prezz tal-bejgħ kellu jiġi determinat minn persuna kompetenti indipendenti skont evalwazzjoni, li kellha tiġi trattata wara s-soluzzjoni kif mistennija tal-kriżi tas-suq finanzjarju fl-aħħar tal-2007. Fil-kuntratt ġie determinat il-prezz minimu tal-bejgħ ta' EUR 300 miljun fil-forma ta' ishma għal-LBBW. Barra dan ġiet inkluża klawsola ta' addattament fil-kuntratt, f'każ li l-kwota tal-kapital ċentrali taqa' taħt valur marġinali partikulari.

(26) Barra dan fil-konvenju ffirmat hemm ukoll, li l-LBBW għandu jħallas lis-sidien tal-ishma ta' Sachsen LB pagament bil-quddiem ta' EUR 250 miljun, li dawn jidħlu f'Sachsen LB, biex ikopru t-telf. Din is-somma kienet biżżejjed għall-Ġermanja, biex tkun konformi mar-rekwiżiti ta' riżorsi kapitali għal regolamenti bankarji u possibilment tiġbor it-telf li ġej.

(27) Fiż-żmien tal-bejgħ il-partijiet tal-kuntratt ħadu azzjoni bis-suppożizzjoni, li l-kriżi kienet ser tkun solvuta malajr. Bis-supożizzjoni, li s-swieq sal-aħħar tas-sena kienu ser jerġgħu jiġu għan-normal, l-LBBW ma ħa l-ebda prekawzzjoni għas-settijiet ta' investimenti strutturati ta' Sachsen LB u ried jieħu l-kontroll tas-sett ta' investimenti. Speċjalment ġie preżunt, li l-problemi ta' Ormond Quay ser jissolvew waħedhom u l-kumpanija għal skopijiet speċjali imbagħad terġa tiffinanzja ruħha fis-suq.

(*) Parti mit-taqsimiet ta' dan it-test ġew imneħħija b'tikek fil-parentesi minħabba n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni.

(7) Sachsen LB għamel taħditiet ma' ħafna banek reġjonali, fost l-oħrajn il-WestLB u l- LBBW.

(8) Ara d-deċiżjoni msemmija fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, (paragrafu 16). It-tranżazzjoni shiha hija deskritta fid-dettal hemm.

(28) Fl-aħħar tal-2007 tfaċċaw aktar riskji marbuta mas-sett ta' investimenti strutturat ta' Sachsen LB. Qabel il-konklużjoni tal-bejgħ is-sitwazzjoni fis-swieq finanzjarji kompliet tmur għall-agħar, b'tali mod li kkawwżat problemi speċjalment għal Ormond Quay, għaliex l-evalwazzjoni ta' suq ma suq ieħor ([9]) tal-assi tagħha turi telf ta' madwar EUR […(0,5-1,5)] biljun.

(29) Dan poġġa fil-periklu l-bejgħ definittiv tal-bank, għaliex il-kwota tal-kapital ċentrali kienet possibilment waqgħet taħt il-valur marġinali. L-iżvalutazzjoni ta' suq ma suq kellha tidher bħala telf fil-bilanċ u wasslet għal tnaqqis fil-kapital ċentrali. Kien hemm il-biża', li l-kwota tal-kapital ċentrali ta' Sachsen LB taqa' taħt […] %, li jfisser, li l- LBBW seta' jinsisti fuq negozjati ġodda għall-bejgħ.

(30) Anke li kieku l-kundizzjonijiet tas-suq kellhom jittranġaw minn Awwissu ([10]) 'il quddiem u l-bejgħ tal-assi kien ikun possibbli, l-LBBW la kien fil-pożizzjoni u lanqas lest li jieħu dan it-tip ta' telf mark-to-market daqshekk qawwi. Biex il-bejgħ jiġi konkluż, kellha tinstab soluzzjoni, li setgħet tevita li dan it-telf iniżżel il-valur ta' Sachsen LB. Inkella l-LBBW kien jkollu jieħu b'żieda mal-prezz minimu ta' EUR 300 miljun negozjat f'Awwissu anke dan it-telf.

(31) Wara negozjati intensivi il-bejgħ ġie deċiż b'kuntratt definnitiv u rrevokabbli; il-"benchmark agreement" iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007. Il-bejgħ kien possibbli fl-aħħar mill-aħħar minħabba l-fatt, li l-konsolidazzjoni tat-telf mark-to-market mill-kumpanija għal skopijiet speċjali ta' Sachsen LB ġiet evitata u l-LBBW ġie protett mill-kumpanija għal skopijiet speċjali minn telf possibbli, li seta' inqala', jekk l-assi fis-sett tal-investimenti jibqgħu jinżammu sal-maturità tagħhom. Alternattivament seta' per eżempju jiġi kkunsidrat, li qabel il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW it-telf mark-to -market jiġi konsolidat u konformi mal-kapital addizzjonali tal-propjetarji ta' Sachsen LB (Valur stmat: EUR […(0,5-1,5)] biljun). Minflok jieħu t-telf mark-tu-market, l-istat ta' Sachsen prefera, jagħmel garanzija statali għal sett ta' investimenti b' investimenti strutturati.

(32) F'dan il-kuntratt konlussiv l-investimenti strutturati ġew kollha mniżżla u maqsuma f'żewġ settijiet ta' investimenti. Biex tiġi evitata konsolidazzjoni tal-investimenti strutturati fl-LBBW, is-sett ta' investimenti ġie maħruġ għall-valur kif imniżżel fil-kotba ta' EUR 17,5 biljun ([11]) mal-bejgħ. Dawn il-pożizzjonijiet fis-suq tal-kapital ġew trasferiti f'mezz ta' investiment ġdid għalih (l'hekk imsejjaħ "Super-SIV"), sabiex investimenti strutturati f'settijiet ta' investimenti ([12]) li jeħtieġu finanzjament mill-ġdid ta' madwar EUR 11,8 biljun biss baqgħu għand Sachsen LB u għalhekk ġew mibjugħa lil-LBBW. Bħala ilqugħ għal riskji għal dawn ammont ta' EUR 500 miljun ġew imnaqqsa mill-prezz tal-bejgħ.

(33) Is-Super-SIV ġiet imwaqqfa, biex settijiet ta' investimenti strutturati jiġu pprivatizzati b'valur mark-to-market żgħir qabel il-bejgħ minn Sachsen LB u jinżammu sal-maturità tagħhom. Għat-trasferiment tas-sett ta' investimenti fis-Super-SIV kellu jiġi maħsub finanzjament mill-ġdid. Dann ġie magħmul parzjalment mill-LBBW (porzjon subordinat) u parzjalment mill-banek reġjonali l-oħra (porzjon antiċedenti). Biex tiġi evitata konsolidazzjoni tas-Super-SIV fil-bilanċ tal-LBBW, l-ishma tal-LBBW kellhom jibqgħu taħt il-50 %. Wara negozjati intensivi il-banek reġjonali ħadu l-kontroll ta' 50 % tal-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV, iżda għamlu l-kundizzjoni, li l-finanzjament tagħhom f'każ ta' telf tal-finanzjament jiġi klassifikat qabel l-LBBW. L-LBBW min-naħa tiegħu talab garanzija lill-istat ta' Sachsen, li tkopri it-telf potenzjali jekk jiġri fir-realtà, biex ir-riskju tiegħu jiġi limitat għal riskju normali ta' negozju. It-tir kien, li jiġi protett is-sett ta' investimenti minn telf possibbli, jekk hu jinżamm sal-maturità tiegħu. Dan it-telf ikun jaqbel mar-risku ta' defiċit. L-istat ta' Sachsen finalment iddikkjara lilu nniffsu lest, li jagħmel provvediment ta' garanzija massima ta' EUR 2,75 biljun għal telf mis-Super-SIV. Dan l-ammont ġie determinat wara negozjati intensivi bejn l-LBBW u l-istat ta' Sachsen fuq bażi ta' rapporti minn banek tal-investiment, wara l-istima tagħhom li r-risjku ta' defiċit għal banek li jiffanzjaw mill-ġdid ikun ixaqleb lejn iż-żero ([13]).

(34) Barra dan fil-"benchmark agreement" ġie determinat ħlas ta' garanzija ta' […] % fis-sena tal-ammont massimu mhux minsus, li wara li jgħaddu erba' snin mill-perjodu tal-maturità tal-garanzija jiġi mnaqqas b'terz tal-ħlas tal-bidu u wara seba' snin tal-perjodu tal-maturità tal-garanzija jitnaqqas b'terz ieħor tal-ħlas tal-bidu. Dan ifisser EUR […(> 90)] miljun f'għaxar snin, jekk il-garanzija ma tiġix minsusa.

(35) Kif imsemmi qabel is- Super-SIV ġie finanzjat f'żewġ porzjonijiet. L-ewwel porzjon ta' kważi 50 % (madwar EUR 8,75 biljun) ġie finanzjat mill-LBBW; it-tieni porzjon ta' 50 % (madwar EUR 8,75 biljun) ġie provvist minn istituzzjonijiet tal-kreditu, li huma parti mir-riserva tas-sigurtà tal-banek reġjonali u tal-clearing house

([9]) Fil-kontabilità u fl-affarijiet finanzjarji market to market tirreferi għall-valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni meta wieħed jinnegozja għal rasu bi strument finanzjarju fuq il-bażi tal-prezz kurrenti tas-suq tal-ġurnata għall-istrument finanzjarju rispettiv jew strumenti simili. Għalhekk il-valur definit ta' future, li jimmatura fi żmien disa' xhur huwa biss magħruf wara dawn id-disa' xhur. Iżda jekk hu jiġi soġġett għal evalwazzjoni ta' market to market għal skopijiet ta', kontabilità, il-valur attwali tal-ġurnata fis-suq liberu jiġi determinat.

([10]) Waqt li l-primjum ta' riskji qabel il-kriżi kien ta' 4 sa 5 punti bażiċi, is-suq fl-ogħla livell tal-kriżi kien totalment spiċċut; meta s-swieq reġgħu bdew jirpiljaw bil-mod, ir-rati reġgħu kienu madwar 40 punt bażiku.

([11]) Is-sensiela ta' investimenti jagħmlu parti Ormond Quay, Sachsen Funding u Synapse ABS.

([12]) LAAM, Georges Quay, Synapse L/S + FI, Omega I + II u assi sintetiżżati oħra (CDO, ABS, CDS, CPPI usw.).

([13]) Peress li l-banek xorta kellhom jagħmlu provvedimenti għal-likwidità, inqalgħu ċerti spejjeż għall-finanzjament mill-ġdid.

(tip ta' responsabilità flimkien tal-istituzzjonijiet membri għas-sigurtà ta' investimenti u għall-kumpens tal-investitur). Minħabba il-qsim tar-riskji fiż-żewġ porzjonijiet l-LBBW bil-likwidità tagħha tiggarantixxi għal telf massimu ta' EUR 8,75 biljun, jiġifieri għal ammont li huwa aktar mill-garanzija ta' EUR 2,75 biljun mogħtija mill-istat ta' Sachsen. Aktar telf imbagħad jiġi kopert mill-banek reġjonali l-oħra.

(36) F'Diċembru tal-2007 l-Istat ta' Sachsen qabbad il-kumpanija tal-verifika Susat & Partner biex tagħmel evalwazzjoni tal-intrapriża Sachsen LB, kif kien imniżżel fil-kuntratt tal-bejgħ. Din stmat il-valur ta' Sachsen LB għal EUR […] biljun. Fl-istess ħin l-LBBW […] (minn issa 'il quddiem imsejjaħ […]) ta l-inkarigu, biex din l-evalwazzjoni terġa tiġi kkontrollata. […] wasal skont l-analiżi tiegħu għal valur tal-intrapriża ta' EUR […] biljun. Waqt in-negozjati iż-żewġ partijiet qabblu, fuq valur tal-intrapriża ta' EUR […] biljun.

(37) Fil-kuntratt konklussiv il-prezz tal-bejgħ wara t-taxxa ta' Sachsen LB kien deċiż għal EUR 328 miljun, li kellu jitħallas bi flus kontanti ([14]). Dan il-prezz kien ibbażżat fuq stima tal-valur tal-intrapriża Sachsen LB għal EUR […], li minnu ġew imnaqqas it-telf tal-2007 ta' EUR […] miljun għas-sett ta' investimenti 2 kif ukoll il-kumpens ta' EUR 500 miljun għat-telf miftiehem għas-sett ta' investimenti 1 li baqa' għand Sachsen. Inkluż l-ħlas bil-quddiem ta' EUR 250 miljun l-LBBW ħallset EUR 578 miljun għall-akkwist ta' Sachsen LB.

(38) Bil-finanzjalemt mill-ġdid tas-sett ta' investimenti strutturati trasferiti fis-Super-SIV l-istituzzjoni legali għall-ħlas ta' djun tal-istat ta' Sachsen għal dan is-sett ta' investimenti spiċċat.

3.4. *IL-PJAN TA' RISTRUTTURAR*

(39) L-LBBW ħejja pjan ta' ristrutturar għal Sachsen LB, li jmur lura għaż-żmien tal-bejgħ ta' Sachsen LB u emendat l-aħħar fid-9 t'April 2008. Skond l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni l-pjan ta' ristrutturar jinvolvi perjodu ta' ristrutturar ta' erba' snin, li jibda' mal-bejgħ ta' Sachsen LB fl-1 ta' Jannar 2008 u jispiċċa matul is-sena 2011.

([14]) Il-ftehim finali kien jinkludi l-għażla, li il-prezz tax-xiri għal Sachsen LB jista' jitħallas ukoll b'ishma f'LBBW ekwivalenti għall-valur.

(40) Skont il-pjan Sachsen LB AG tiġi integrata mal-LBBW, iżda tibqa' fil-forma ta' istituzzjoni dipendenti bl-isem ta' Sachsen Bank. Dan jieħu l-kontroll ukoll tat-tranżazzjonjiet għal intrapriżi u tranżazzjonjiet privati tal-fergħat tal-LBBW f'Sachsen (BW-Bank). Il-bqija tat-tranżazzjonjiet (li ma jaqgħux taħt tranżazzjonjiet għal intrapriżi u tranżazzjonjiet privati) inqatgħu minn Sachsen LB u ġew mogħtija lill-fergħa tal-LBBW f'Sachsen.

(41) Għalhekk is-Sachsen Bank ħa biss l-kontroll ta' wieħed miż-żewġ oqsma ta' servizzi tas-Sachsen LB, jiġifieri t-tranżazzjonjiet kummerċjali u tranżazzjonjiet privati li qabel kienu inqas żviluppati u minnhom flimkien mas-servizzi ekwivalenti tal-BW Bank żviluppa l-qasam l-ġdid ta' servizzi tiegħu. Is-Sachsen Bank ser ikun bis-saħħa tiegħu stess f'pożizzjoni li jibqa' kompettitiv ġewwa u barra Sachsen.

(42) It-tieni qasam ta' servizzi ta' Sachsen LB, is-servizzi marbuta mas-suq kapitali, jibqgħu fl-LBBW u jiġu offruti f'Sachsen minn fergħa tal-LBBW. L-LBBW se jieħu ukoll il-funzjoni ta' back-office u parzjalment jiffunzjona bħala bank ċentrali għal banek tat-tfaddil ta' Sachsen.

(43) Il-punt tat-tluq għall-ispezzjoni tal-pjan ta' ristrutturar huwa, f'dak li għandu x'jaqsam mal-irkupru ta' profitt, it-tranżazzjonjiet kummerċjali ta' Sachsen LB qabel l-integrazzjoni tiegħu mal-LBBW ([15]). Il-pjan ta' ristrutturar jinkludi t-trasferiment tal-ewwel sett ta' investimenti fis-Super-SIV. Barra dan il-pjan bħala miżura ta' kumpens jagħmel provvedimenti għall-possibiltà, li l-kumpanija sussidjarja ta' Sachsen LB li qiegħda f'Dublin (Sachsen LB Europe), li kienet responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tas-settijiet ta' investimenti internazzjonali strutturati kollha tiġi likwidata.

(44) Sachsen LB għalhekk ma jistax jagħmel aktar negozju fis-suq internazzjonali tal-kapital. Is-CP tat-tieni sett ta' investimenti ta' EUR 11,8 biljun biss jibqgħu għand LBBW. Stimi tas-sitwazzjoni tal-futur fuq din il-bażi juru, li l-bank ser jirkupra l-profitt tiegħu fi żmien ta' ristrutturar ta' erba' snin.

(45) Biex tikkonferma din l-effiċjenza l-Ġermanja ssottomettiet iċ-ċifri bażiċi li ġejjin:

([15]) F'dan il-kuntest fil-pjan ta' ristrutturar hemm bħala l-aktar miżuri importanti għall-istruttura t-tnaqqis tal-personal minn[…] għal madwar […] ħaddiema, l-introduzzjoni tal-kontroll u l-ġestjoni ta' riskji aħjar u l-integrazzjoni ta' rwolijiet ċentrali (inkluż fil-qasam ta' sistemi informatiċi) fl-LBBW.

Dħul qabel it-taxxa f'EUR miljuni ("l-aktar każ gravi")	2007	2008	2009	2010	2011	2012	CAGR 2007-2012 (1) (f'%)
Tranżazzjonjiet kummerċjali	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Negozju fis-suq kapitali (2)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Oħrajn	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Total qabel sinerġiji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Sinerġiji tad-dħul (il-mudell il-ġdid tan-negozju)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	
Totalinklużi sinerġiji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]

(1) CAGR 2007 - 12 = rata ta' tkabbir anwali akkumulat għall-perjodu bejn l-2007 u 2012.
(2) Sadanittant ġie deċiż li, dan il-qasam jiġi trasferit fil-fergħa tal-LBBW f'Sachsen.

Profitt tal-kumpanija qabel it-taxxa f'EUR miljun ("l-aktar każ gravi")	2007	2008	2009	2010	2011	2012	CAGR 2007-2012 (f'%)
Tranżazzjonjiet għal negozji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Negozju fis-suq kapitali	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Oħrajn	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Total qabel sinerġiji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]
Sinerġiji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	
Total inklużi sinerġiji	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[…]

(46) Barra dan il-Ġermanja infurmat, li l-LBBW tikkalkula mill-2009 il-profitabilità tal-fondi ta' Sachsen LB ta' […(> 8 %)] % u għas-Sachsen Bank imwaqqaf ġdid ta'madwar [… (> 15 %)] %.

4. **PROĊEDURI FORMALI TAS-SORVELJANZA**

4.1. *RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURI*

4.1.1. IL-FAĊILITÀ TAL-LIKWIDITÀ

(47) Fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri il-Kummissjoni esprimiet objezzjonijiet relatati mal-faċilità tal-likwidità, peress li jidher li Sachsen LB żied vantaġġ selettiv mill-miżuri, għaliex ma kienx probabli, li investitur li jinnegozja f'suq liberu għal Sachsen LB kein jagħmel provvediment għal linja ta' kreditu bl-istess kondizzjonjiet bħall-bank pool. Il-Kummissjoni iżda m'eskluditx, li din il-miżura tista' tfisser għajnuna għas-salvataġġ konformi mas-Suq Komuni.

4.1.2. IL-BEJGĦ TA' SACHSEN LB

(48) Barra dan il-Kummissjoni vverifikat, jekk hux il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW kienx jinkludi għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni staqsiet, jekk hux l-istat ta' Sachsen hux ser jaġixxi bħala investitur li jinnegozja f'suq liberu, peress li l-likwidazzjoni kieku kienet tinvolvi inqas spejjeż milli l-bejgħ bil-garanzija mogħtija, u kienet tal-opinjoni, li l-bejgħ f'dan il-każ ikun jinkludi elementi ta' għajnuna favur Sachsen LB. Iżda l-Kummissjoni ma kellha l-ebda objezzjoni, li l-prezz tax-xiri huwa baxx wisq u għalhekk jinkludi elementi ta' għajnuna favur ix-xerrej (il-LBBW). Iżda l-Kummissjoni m'eskluditx, li jekk ikun hemm garanzija din tfisser għajnuna għar-ristrutturar konformi mas-suq komuni, jekk ir-rekwiżiti tad-Direttivi tal-Kommunità dwar għajnuniet statali għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi f'diffikultajiet ([16]) (minn issa 'il quddiem: "Direttivi") jiġu miżmuma.

5. POŻIZZJONIJIET TA' TERZI PARTIJIET

(49) Il-parti terza hija tal-opinjoni, li l-garanzija għas-Super-SIV hija għajnuna mill-istat, il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kostruzzjoni ta' EUR 391 miljun fl-2007 minn LBBW lil Sachsen LB u t-teħid ta' deficit annwali ta' EUR 641.6 miljun huma ukoll għajnuna mill-istat, u l-prezz tax-xiri mħallas minn LBBW lis-sidien kien aktar għoli mill-valur fis-suq ta' Sachsen LB.

6. IL-POŻIZZJONI TAL-ĠERMANJA DWAR ID-DEĊIŻJONI GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURI

6.1. *OPINJONI DWAR L-ISTIMA TAL-FAĊILITÀ TAL-LIKWIDITÀ*

(50) Fl-opinjoni tal-Ġermanja il-faċilità tal-likwidità provvista mill-bank pool kienet tkun provvista ukoll minn investitur li jinnegozja f'suq liberu, għaliex il-kumpens, li ħadu l-banek li ppuljaw għall-bejgħ tas-CP maħruġa minn Ormond Quay kien aktar għoli mill-kumpens normali fis-suq u għalhekk konformi mas-suq. Barra dan il-bank pool ma trid tikkumpensa għall-ebda telf li jista' jsir minn tibdil fil-prezz tas-suq għal titoli miżmuma fil-Conduit (ABS). Anke jekk il-valur tas-suq ikun baxx, ir-riskju ta' telf huwa żgħir ħafna, u f'każ ta' titoli, li jibqgħu miżmuma sal-maturità tagħhom, huwa mistenni biss li jkun hemm telf insinjifikanti.

(51) Barra minn hekk, skont il-Ġermanja il-banek innegozjaw prinċipalment, biex jiġi evitat, li l-fallimenti ta' wieħed mill-banek tal-istati l-oħra ma joħloqx kriżi għal banek. Huma raw ir-riskju, li jixtru s-CP iżgħar mir-riskju, biex jiġu megħluba l-problemi li l-falliment ta' Sachsen LB iġib miegħu, speċjalment l-iskema għall-garanzija ta' depożiti ġiet ikkunsidrata. Barra minn hekk il-Ġermanja saħħet l-argument tagħha, li "benchmarks" tas-suq ikunu jistgħu jiġu determinati b'ipoteka anke fin-nuqqas ta' suq.

(52) Jekk il-Kummissjoni tkun tal-opinjoni, li l-faċilità tal-likwidità fiha elementi ta' għajnuna, allura skont il-pożizzjoni tal-Ġermanja din xorta waħda tkun tista' titqies bħala għajnuna ta' salvataġġ konformi mas-Suq Komuni, għaliex is-CP akkwistati mill-pool huma komparibbli ma' miżura fil-forma ta' self, li mhijiex tat-tip strutturali u barra dan limitata għal sitt xhur.

6.2. *OPINJONI DWAR L-ISTIMA TAL-BEJGĦ TA' SACHSEN LB*

(53) Skont l-opinjoni tal-Ġermanja l-istat ta' Sachsen waqt il-bejgħ ta' Sachsen LB innegozja bħala bejjiegħ li jinnegozja f'suq liberu. Il-prezz tax-xiri huwa riżultat tan-negozjati ma' ħafna xerrejja potenzjali u bbażat fuq evalwazzjonijiet tal-intrapriża, li ġew immexxija minn kumpanija ta' awdituri skont prinċipji rikonoxxuti, b'tali mod li hu jirrifletti il-valur tas-suq ġust ta' Sachsen LB. Anke jekk wieħed jikkunsidra l-obbligu ta' EUR 2,75 biljun dovuti minħabba l-garanzija għas-Super-SIV, is-sidien ta' Sachsen LB xorta jirrnexxilhom iġibu prezz pożittiv għall-bejgħ ta' Sachsen LB.

(54) Il-Ġermanja tirrepeti, li ġew ikkonsultati tliet suppożizzjonijiet ta' evalwazzjoni, biex jiġi evalwat ir-riskju marbut mal-garanzija għas-Super-SIV. Għall-ewwel suppożiżżjoni ġew stmati skont evalwazzjoni mark-to-market għad-data tal-għeluq tat-30 ta' Novembru 2007 it-telf potenzjali marbut mal-bejgħ tal-investimenti f'din id-data tal- għeluq ta' madwar EUR […] biljun. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjonijiet mark-to-market jiġu mgħawwġa minħabba l-fatt, li sa dan iż-żmien la kien hemm suq għal dawn it-tip ta' investimenti u lanqas l-intenzjoni, li dawn il-pożizzjonijiet tas-suq kapitali jinbiegħu għal dan l-iskop, għaliex dawn għandhom jinżammu sal-maturità tagħhom. Skont it-tieni suppożizzjoni, li hija bbażata fuq evalwazzjoni eżemplari ta' żviluppi makro-ekonomiċi potenzjali, it-telf mistenni ġie ikkalkulat għal tliet xenarji. Skont dawn it-telf mistenni ammonta għal madwar EUR […(> 800)] miljun ("bad case"), EUR […(< 500)] miljun ("base case") kif ukoll EUR […(< 200)] miljun ("best case"). Din is-suppożizzjoni ta' evalwazzjonijiet ġiet żviluppatta mill-LBBW u s-Sachsen LB fuq bażi ta' mudelli interni eżistenti. It-tielet suppożizzjoni hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet bażiċi tas-suq kapitali. Kważi t-titoli kollha fis-sett ta' investimenti, skont il-Ġermanja għandhom klassifika AAA ([17]), u l-ebda wieħed minn dawn it-titoli ma tnaqqsilhom il-valur tagħhom waqt reviżjonijiet ta' aġenżiji tal-klassifikazzjoni. Bil-probabbiltà ta' fallimenti kważi xejn, it-telf mistenni tas-sett ta' investimenti għal titoli klassifikati huwa ukoll kważi xejn.

(55) Skont il-Ġermanja il-garanzija ta' EUR 2.75 biljun hija riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet involuti, fejn l-LBBW ried jgħolli l-garanzija kemm jista' ikun, biex jillimita r-responsabbiltajiet tiegħu, fil-waqt li l-istat ta' Sachsen prova, jillimita l-garanzija għal minimu.

([16]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

([17]) Gradi ta' klassifikazzjoni ta' Diċembru 2007.

(56) Il-Ġermanja issuġġerixxiet, li r-riżultati tat-tliet supożizzjonijiet jiġu sottomessi fiż-żmien tan-negozjati. Il-partijiet li jinnegozjaw qablu fuq l-evalwazzjoni eżemplari (jiġifieri it-tieni supożizzjoni) bħala il-mod adekwat għall-evalwazzjoni tar-riskji koperti bil-garanzija.

(57) Il-Ġermanja ssottomettiet kalkulazzjonijiet għal diversi xenarji, biex tivverifika, li s-sidien anke f'każ ta' klejm tal-garanzija fil-"base case" immiraw għal prezz possibbli għall-bejgħ tal-bank. Hija prattika normali tal-Kummissjoni li tibbaża fuq il-"base case" u mhux fuq xenarji oħra aktar żvantaġġati ([18]).

(58) Jekk il-Kummissjoni tkun tal-opinjoni, li l-bejgħ tal-bank jinkludi fih elementi ta' għajnuna, allura skont il-Ġermanja dawn xorta waħda skont id-Direttivi jistgħu jitqiesu bħala għajnuna għall-istrutturar konformi mas-Suq Komuni.

(59) Għal dan l-iskop l-LBBW issottometta il-pjan ta' ristrutturar imsemmi, li minnu ħareġ, kif il-profitt ta' Sachsen LB jista' jerġa' jiġi rkuprat. Il-Ġermanja targumenta, li l-pjan jinkludi ħafna miżuri interni bħal tnaqqis fil-personal, miżuri għal titjib fil-ġestjoni ta' riskji, integrazzjoni ta' segmenti fl-LBBW u standardizzazzjoni ta' sistemi informatiċi. Barra dan mira importanti tal-pjan tan-negozju hija li titnaqqas id-dipendenza ta' Sachsen LB fuq il-profitti, li huma immirati għas-suq kapitali u speċjalment fil-qasam tan-negozju "ġestjoni ta' assi/prodotti strutturati".

(60) Il-Ġermanja tkompli targumenta, li l-investimenti ta' mijiet ta' miljuni ta' Euro, li l-LBBW ħallas għall-akkwist ta' Sachsen LB, huma ta' siwi u li l-LBBW għalhekk ser jagħmel l-almu tiegħu, biex jirkupra mill-ġdid il-profitt ta' Sachsen LB għal żmien twil.

(61) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kontribut privat, il-Ġermanja hi tal-opinjoni, li il-LBBW u l-banek l-oħra għandhom jagħmlu provvediment għal kontribut personali relevanti għall-valur ta' EUR [… (madwar 30)] biljun u b'hekk ir-rekwiżiti tad-Direttivi jiġu milħuqa. Is-somma ta' EUR [… (madwar 30)] biljun hija riżultat tal-ispejjeż għat-twaqqif tas-Super-SIV EUR ([…] miljun), għall-integrazzjoni ta' Sachsen LB EUR ([…] miljun) u għall-finanzjament tas-sett ta' investimenti 2 (EUR 17,5 biljun) u tas-sett ta' investimenti 1 EUR (11,8 biljun).

(62) Fl-aħħar fl-opinjoni tal-Ġermanja huwa aktar importanti li wieħed jagħti importanza l-bilanċ, li bih Sachsen LB ġie mibjugħ mill-propjetarji tiegħu lil-LBBW. Il-bejgħ jenfasizza x-xewqa komuni għal ristrutturar kontinwu tal-bank. Il-bejgħ ta' intrapriżi li jsibu ruħhom f'diffikultajiet, huwa pass importanti għar-ristrutturar permanenti tagħhom. Wieħed jista' jassumi, li intrapriża taħt il-kontroll ta' bank kbir Ġermaniż stabbilit għandha possibiltà aktar kbira li tibda tagħmel profitt u li dan jiggarantixxi, li l-intrapriża ma terġax tiddependi mill-għajnuna mill-istat. Il-bejgħ għalhekk huwa element ċentrali għar-ristrutturar ta' Sachsen LB.

([18]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C28/02, korporazzjoni bankarja Berlin, ĠU L 116 tal-14.5.2005, p. 1.

(63) Barra dan l-ebda kumpanija kompettitiva ma ħadet pożizzjoni dwar id-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri tal-Kummissjoni. Il-bejgħ tal-bank għalhekk skont l-opinjoni tal-kompetituri l-oħra ma wassal għall-ebda tfixkil fejn tidħol il-kompetizzjoni.

(64) Il-Ġermanja iddikjarat bi ftehim mal-LBBW (f'isem il-benefiċjarju tal-għajnuna, Sachsen LB) l-obbligi li ġejjin ([19]):

(a) L-ishma ta' Sachsen LB, li waqt il-proċess tal-integrazzjoni marru għand l- LBBW, jiġu mibjugħa jew likwidati:

— Sachsen LB Europe jiġi mibjugħ jew likwidat sal- […]. L-LBBW-Gruppe ma jieħu l-ebda personal ta' Sachsen LB, jekk mhux obbligat bil-liġi, u fejn jidħol l-personal preżenti ta' Sachsen LB Europe la joffri kuntratti ta' xogħol ġodda u lanqas jinnegozja dawn it-tip ta' kuntratti ([20]). Dan l-obbligu huwa validu għal perjodu ta' sentejn wara l-ħruġ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

([19]) "Il-Gvern tal-Ġermanja bi ftehim mal-Bank reġjonali ta' Baden-Württemberg (LBBW) jiddikkjara mal-Kummissjoni Ewropea l-miżuri ta' kumpens a-c imsemmija hawn kif ġej:

a. L-ishma ta' Sachsen LB, li waqt il-proċess tal-integrazzjoni marru għand l- LBBW, jiġu mibjugħa jew likwidati bi provvedimenti għall-klawsoli li ġejjin:
   — Sachsen LB Europe PLC tiġi mibjugħa jew likwidizzata sal- […].
   — L-ishma fil- East Merchant GmbH jinbiegħu sal- […].
   — […].
b. Il-Gvern tal-Ġermanja jiġġarantixxi, li il-bank ta' Sachsen rappreżentat mill-LBBW, li fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel l-ebda tranżazzjoni f'ismu u għar-riskju tiegħu għall-assitenza ta' klijenti fil-qasam tan-negozju bażiku tagħhom bħala negozju indipendenti. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu għaż-żmien prevvist ta' ristrutturar ta' erba' snin.
c. Il-Gvern tal-Ġermanja jiggarantixxi, li l-bank ta' Sachsen, rappreżentat mill-LBBW, li fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel l-ebda tranżazzjonijiet internazzjonali marbuta ma' propjetà immobbli għall-assitenza ta' klijenti fil-qasam tan-negozju bażiku tagħhom bħala negozju indipendenti. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu għaż-żmien prevvist ta' ristrutturar ta' erba' snin."

([20]) Il-Kummissjoni tassumi, li l-klawsola, skont liema l-LBBW għandu jieħu l-personal, jekk huwa obbligat li jagħmel hekk bil-liġi, tkun valida għall-massimu ta' 10 ħaddiema u tkun relatat mas-sett ta' investimenti 1 ta' valur ta' EUR 11,8 biljun li l-LBBW ħa l-kontroll tiegħu. Ma jistax jiġi eskluż, li t-trasferiment tas-sett ta' investimenti jiġi kkunsidrat bħala trasferiment tan-negozju, b'tali mod li l- LBBW ikun obbligat li jieħu l-ħaddiema konċernati. L-għeluq ta' Sachsen LB Europe ma tistax tiġi influwenzata permezz ta' dan fejn tidħol l-effiċjenza.

— L-ishma fil-East Merchant GmbH jinbiegħu sal-[…].

— […] ([21]).

(b) Il-Ġermanja tiggarantixxi, li l-bank ta' Sachsen, rappreżentat mill-LBBW, fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel tranżazzjonjiet marbuta ma' klijent bħala propjetarji għall-assistenza ta' klijenti tagħhom fil-qasam ċentrali tan-negozju tagħhom. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu għaż-żmien prevvist ta' ristrutturar ta' erba' snin.

(c) Il-Ġermanja tiggarantixxi, li l-bank ta' Sachsen, rappreżentat mill-LBBW fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel l-ebda tranżazzjoni internazzjonali marbuta ma' propjetà immobbli għall-assistenza ta' klijenti fil-qasam tan-negozju bażiku tagħhom bħala negozju indipendenti. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu għaż-żmien prevvist ta' ristrutturar ta' erba' snin.

(65) Il-Ġermanja kkonfermat li […]. Il-Ġermanja targumenta, li n-negozji jħallu profitti u bl-ebda mod m'huma marbuta mal-kriżi subprime li għaddejja bħalissa, li l-kawża tagħha hija ż-żieda ta' għoti ta' krediti lil persuni li jissellfu bi dħul li ma jifilħux iħallsu u li huma inqas kredibbli minn persuni li jissellfu ta' grad ogħla.

(66) Barra minn hekk il-Ġermanja kkonfermat, li […] ([22]).

6.3. *OPINJONIJIET DWAR IL-POŻIZZJONI TA' TERZI PARTIJIET*

(67) Fejn tidħol l-opinjoni ta' partijiet terzi, il-Ġermanja ppruvat, li l-garanzija għas-Super-SIV mhijiex għajnuna mill-istat, għax is-sidien ta' Sachsen LB anke meta wieħed iqis l-obbligu potenzjali bħala riżultat tal-garanzija ta' EUR 2,75 biljun għas-Super-SIV xorta waħda mmiraw għal prezz tax-xiri pożittiv għall-Sachsen LB, u li l-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-bini tal-LBBW lill-Sachsen LB fl-2007 u l-ħlas bil-quddiem ta' EUR 250 miljun mill-LBBW għandhom jitqiesu bħal aparti mill-prezz tax-xiri u għalhekk il-prezz tax-xiri mħallas mill-LBBW lis-sidien kien konformi mal-prezz tas-suq ta' Sachsen LB. IL-Ġermanja tenfasizza, li kumpens għat-telf ta' EUR 391 miljun barra mill-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-bini tal-LBBW lill-Sachsen LB fl-2007 ma setax jingħata.

([21]) […]. Dan il-qasam tan-negozju jħalli profitt u ma jiġix milqut mill-kriżi subprime tas-suq tal-abitazzjoni li hawn bħalissa, li minħabba fiha beda jingħata aktar self lil min jissellef, dan jinvolvi aktar riskju u għandu dħul iżgħar jew inqas fiduċja f'min jissellef minn persuni li jissellfu ta' gradi ogħla.

([22]) "Il-Gvern tal-Ġermanja jikkonferma li […]."

7. **STIMA TA' GĦAJNUNA SKOND IL-LIĠI**

7.1. *GĦAJNUNA MILL-ISTATEŻISTENTI*

(68) Skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE għajnuniet mill-istati jew li ġejjin minn mezzi statali huma ta' liema tip huma, li permezz tal-benefiċċju jfixklu jew li jistgħu ifixklu l-kompetizzjoni ta' intrapriżi partikulari, u li jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri, mhumiex konformi mas-Suq Komuni.

(69) Il-Kummissjoni iżżomm mal-pożizzjoni tagħha fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri, li l-ebda wieħed miż-żewġ interventi finanzjarji ma ġew meħuda minn investitur li jinnegozja fis-suq liberu u għalhekk iż-żewġ miżuri huma għajnuna mill-istat.

(70) F'din is-sitwazzjoni kien jidher, li l-Kummissjoni fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri ma kkunsidratx il-liġi tal-kompetizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament mil-ġdid permezz tal-LBBW u ingaġġat il-bank pool. Il-konsiderazzjonijiet tagħha qed jiġu spjegati aktar fid-detta fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu.

7.1.1. IL-FACILITÀ TAL-LIKWIDITÀ

(71) Id-DekaBank bħal biċċa l-kbira tal-banek reġjonali huwa entità tal-liġi pubblika. Is-sidien tad-DekaBank huma l-banek reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tal-banek reġjonali tat-tfaddil li għandhom nofs kull wieħed. Il-banek reġjonali huma in ġenerali propjetà tal-istat u tal-assoċjazzjonijiet tal-banek tat-tfaddil rispettivi tagħhom. Il-linja ta' kreditu ta' EUR 17,1 biljun mogħtija lill-Sachsen LB mill-bank pool hija konsegwentament attribwita mill-istat u tista' titqies bħala "miżura statali jew miżura minn mezzi statali" fis-sens tal-Artikolu 87 (1) tat-trattat tal-KE ([23]). Benefiċċju riżultat tal-provvista ta' mezzi statali jista' barra minn hekk minħabba l-attività 'il barra mill-fruntieri u internazzjonali ta' Sachsen LB jaffettwa ukoll il-kompetizzjoni fis-settur tal-banek u jkollu effetti fuq il-kummerċ ġewwa l-Kommunità.

(72) Barra dan il-Kummissjoni tiddikjara li Sachsen LB huwa attiv 'il barra mill-fruntieri u internazzjonalment, għalhekk benefiċċju riżultat tal-provvista ta' mezzi statali jista' barra minn hekk minħabba l-attività 'il barra mill-fruntieri u internazzjonali ta' Sachsen LB jaffettwa wkoll il-kompetizzjoni fis-settur tal-banek u jkollu effetti fuq il-kummerċ ġewwa l-Kommunità ([24]).

([23]) Ir-responsabbiltà hija riżultat ta' serje ta' indikazzjonijiet, li ġew determinati permezz ta' fatturi speċifiċi marbuta mal-każ u mal-kuntest, li fih ġiet meħuda l-miżura. Għalhekk ikun hemm konnessjonijiet stretti bejn il-bord tad-diretturi tal-banek reġjonali u l-istat. Barra dan il-bank pool, f'dan il-każ proċediet b'konsultazzjonbi stretta mal-BaFin u mal-Bank Ċentrali Ġermaniż.

([24]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C 50/06 tas-27.6.2007, BAWAG (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 7, paragrafu 127).

(73) Il-Ġermanja ċaħdet il-fatt, li Sachsen LB jiżdidlu vantaġġ selettiv minn din il-miżura. Il-Kummissjoni fakkret, li kull intervent finanzjat permezz ta' mezzi statali, li minnu tibbenefika intrapriża huwa skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE meqjus normalment bħala għajnuna mill-istat, li kieku taħt kundizzjonijiet normali tas-suq liberu investitur li jinnegozja kien jieħu din il-miżura. Id-deċiżjoni marbuta mal-bank pool in kwistjoni li għamlet disponibbli l-likwidità, għandha tissodisfa l-politika ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu, biex elementi ta' għajnuna mill-Istatji eskludi. Għalhekk jaqbel li jiġi investigat, jekk hux investitur li jinnegozja f'suq liberu kienx jagħmel provvediment tal-linja ta' kreditu lil Sachsen LB bl-istess kundizzjonijiet bħall-bank pool.

(74) Il-Kummissjoni tiddikjara, li saż-żmien tal-konklużjoni tal-Kuntratt dwar l-ippuljar prattikament ma' kien hemm l-ebda domanda għal CP garantiti b'ipoteka u għalhekk l-ebda suq attiv għal dawn it-tip ta' investimenti. Dan it-tip ta' nuqqas fid-domanda ma jfissirx li ma kien hemm l-ebda "benchmarks" tas-suq. Il-"benchmark" tas-suq kienet tikkonsisti fil-fatt, li s-CP in kwistjoni f'dak iż-żmien ma kelllhomx valur adekwat fis-suq, li tfisser li s-CP maħruġa minn Ormond Quay, għalkemm ġew klassifikati AAA, ġew imħallsa korrettament u kellhom riskju ta' fallimenti insinjifikanti, għadu s'issa ma jeżisti l-ebda interess kummerċjali fihom. Għalhekk il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni, li investitur li jinnegozja fis-suq liberu ma kien jagħti l-ebda faċilità tal-likwidità lil Sachsen LB. Il-miżura in kwistjoni hija għalhekk għajnuna mill-istat.

7.1.2. IL-BEJGĦ TA' SACHSEN LB

(75) Il-Ġermanja kkontradixxiet il-fatt, li l-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW jista' jinkludi fih għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni tibqa' iżżomm mal-punt tagħha, li l-istat ta' Sachsen waqt il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW m'aġixxiex bħala investitur li jinnegozja f'suq liberu. Il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW seta' jinkludi fih żewġ tipi ta' għajnuna mill-istat: l-ewwel għajnuna mill-Istat għall-benefiċċju tax-xerrej (jiġifieri l- LBBW), jekk ġie aċċettat prezz tax-xiri baxx, u t-tieni għajnuna għall-benefiċċju ta' Sachsen LB, jekk il-likwidazzjoni kienet issir b'inqas spejjeż, milli l-bejgħ bil-garanzija mogħtija.

(76) Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni, li l-prezz tax-xiri mħallas mill-LBBW huwa konformi mal-valur fis-suq ta' Sachsen LB, u tiddikjara li l-istat ta' Sachsen għamel negozjati ma' ħafna xerrejja potenzjali u fl-aħħar iddeċieda li jbiegħ il-Sachsen LB lil-LBBW. Il-Kummissjoni tirreferi għall-prezz tax-xiri bħala l-prezz tas-suq, jekk il-bejgħ isir riżultat ta' proċedura ta' tender pubblika u mhux marbuta ma' kundizzjonijiet oħra u l-investiment jingħata li dak li joffri l-aktar jew l-uniku wieħed li joffri. Fil-waqt li għal tender immexxi skont ir-regolamenti l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istathija eskluża, li ma jkunx hemm tender ma jfissirx awtomatikament, li hemm għajnuna mill-istat. Fil-każ preżenti il-partijiet fil-kuntratt tax-xiri iddeċidew, li fid-data tal-għeluq tal-31 ta' Diċembru 2007 issir evalwazzjoni ta' Sachsen LB, bil-ħsieb, li s-suq finanzjarju ikun stabbilit u evalwazzjoni normali tas-suq tkun tista' issir. Anke jekk din it-tip ta' evalwazzjoni ma teskludix awtomatikament il-preżenza ta' għajnuna mill-istat, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda evidenza fil-każ in kwistjoni, li tpoġġi f'dubju l-orjentament tas-suq tat-tranżazzjoni. Fuq bażi tal-informazzjoni provvduta, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda bażi għas-suppożizzjoni, li l-intrapriża ġiet mibjugħa għall-prezz tas-suq. Kif jispjega paragrafu (37), il-valur ta' Sachsen LB f'Diċembru tal-2007 kien stmat EUR 328 miljun ([25]); dan huwa l-prezz tax-xiri mħallas mill-LBBW. Barra dan fejn jidħlu proċeduri ta' sorveljanza formali l-ebda wieħed mill-partijiet terzi meta ġew biex juru l-pożizzjoni tagħhom ma wera dubju dwar kemm hu raġonevoli l-prezz tax-xiri, u l-Kummissjoni ma taf bl-ebda terzi parti, li hi interessata fl-akkwist ta' Sachsen LB u li kienet lesta li toffri prezz ogħla. Għalhekk il-Kummissjoni iżżomm mal-punt tagħha, li l-bank ġie mibjugħ bil-prezz tas-suq u l-LBBW waqt il-proċess tal-bejgħ ta' Sachsen LB ma ingħata l-ebda għajnuna mill-istat.

(77) Barra dan il-Kummissjoni ivverifikat, jekk hux fil-verità Sachsen LB kellu vantaġġ minħabba l-fatt li l-likwidazzjoni kienet tinvolvi inqas spejjeż mill-bejgħ bil-garanzija mogħtija. Il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonferma jekk hux l-istat ta' Sachsen kien immira għal prezz tal-bejgħ pożittiv, jiġifieri prezz tal-bejgħ, li huwa ogħla mill-mezzi provvisti mill-istat ta' Sachsen. Fil-waqt li huwa indisputabbli, li bil-kuntratt tax-xiri oriġinali t'Awwissu 2007, li bħala riżultat tiegħu l-LBBW kellu mill-inqas iħallas EUR 300 miljun kif ukoll somma ta' flus minn qabel lil Sachsen LB ġie milħuq prezz tax-xiri pożittiv, dan mhuwiex il-każ wara n-negozjati mill-ġdid f'Diċembru, għaliex l-istat ta' Sachsen ta' garanzija ta' EUR 2,75 biljun, u għalhekk laħaq […] % tal-prezz tal-bejgħ li jammonta għal EUR 328 miljun (jiġifieri EUR […] miljun) fi flus b'żieda mad-dħul ġej minn persentaġġ tal-provvista (b'valur tal-kotba ta' EUR […(> 90)] miljun) ([26]).

([25]) EUR […] biljun (valur tal-intrapriża Sachsen LB, li wieħed wasal għalih […] fl-analiżi li saret minn qabel ikkummissjonata mill-LBBW) tnaqqas EUR […] miljun (telf fis-sena 2007) tnaqqas EUR […] miljun (ħlas minn qabel) = EUR 328 miljun.

([26]) Il-Kummissjoni tiddikjara, li l-garanzija għas-sigurtà tal-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV prima facie tidher li hija għajnuna għal Sachsen LB, għaliex permezz tal-garanzija l-bejgħ ta' Sachsen LB sar possibbli. Minħajr it-twaqqif tas- Super-SIV, li kien possibbli biss bl-għajnuna tal-garanzija, il-bejgħ ta' Sachsen LB ma kienx isir. Iżda peress li l-garanzija hija marbuta mas-Super-SIV u s-Super-SIV ma ġietx trasferita lil-LBBW, l-LBBW ma kellha l-ebda vantaġġ.

(78) L-investigazzjoni ma bidlet xejn fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li s-sidien ġew injorati fil-konfront tal-ispejjeż tal-likwidazzjoni u tal-ispejjeż tal-bejgħ bil-garanzija ta' ħlas minn qabel li jammonta għal EUR 250 miljun f'Awwissu tal-2007, għaliex dan l-ammont f'każ li ma jsirx il-bejgħ ma jiġix imħallsa lura. Fi kliem ieħor, peress li s-sidien ta' qabel ta' Sachsen LB ma kinux obbligati, li jħallsu lura dawn il-flus imħallsa minn qabel mill-LBBW f'każ li l-bejgħ ma jsirx, investitur li jinnegozja f'suq liberu ma kienx iqis dan il-ħlas bħala spejjeż addizzjonali fil-kwadru ta' linja ta' każijiet ipotetiċi li jistgħu imorru kontra fatti.

(79) Il-Kummissjoni għalhekk kellha tipprova, jekk hux l-ispejjeż marbuta mal-proċess tal-provvista tal-garanzija humiex aktar mill-prezz tal-bejgħ ta' Sachsen LB. Dann jista' ikun il-każ, jekk il-valur tat-telf mistenni marbut mal-garanzija ta' EUR 2,75 biljun ikun aktar mill-EUR […] miljun akkwistati (b'żieda ta' persentaġġ tal-provvista, b'valur għal kotba li jista' ilaħħaq il-EUR […] miljun).

(80) Il-Ġermanja tistma t-telf mistenni marbut mal-garanzija li jkun madwar EUR […(> 800)] miljun ("bad case"), EUR […(< 500)] miljun ("base case") jew EUR […(< 200)] miljun ("best case"). Id-dubju tal-Kummissjoni, li l-mudell għall-kwantifikazzjoni tat-telf mistenni marbut mal-garanzija jippermetti l-elementi ta' għajnuna inklużi fil-garanzija, ma setax jiġi mwarrab. Il-Kummissjoni tirrfereri għall-fatt, li skont ġurisdizzjoni regolari, l-element ta' għajnuna ta' garanzija, li tingħata għal intrapriża li tinsab f'diffikultajiet, tista' tkun għolja daqs l-ammont, li effettivament huwa kopert bil-garanzija (f'dan il-każ EUR 2,75 biljun). Barra dan il-Kummissjoni tenfasizza, li l-istat ta' Sachsen anke fil-"base case" li għalih irkupru malajr tasswieq huwa assumibbli, minħabba t-telf mistenni, immira prezz negattiv tax-xiri.

(81) Barra minn hekk fl-investigazzjoni ġiet konfermata s-supożizzjoni tal-Kummissjoni, li investitur li jinnegozja f'suq liberu minħabba fatturi imprevedibbli ta' dan it-tip kien jaġixxi fuq is-supożizzjoni tax-xenarju "bad case" b'telf mistenni ta' EUR […(> 800)] miljun. Il-Kummissjoni tirreferi għall-fatt, li l-konklużjonijiet tagħha fil-każ ta' qabel tal-*Bankgesellschaft Berlin* ([27]) jikkonċiljaw. Kontra l-opinjoni tal-Ġermanja, il-fatt li x-xenarju "base case" jiġi aċċettat, mhuwiex konformi mal-kodiċi tal-prattika kurrenti ([28]).

(82) Il-Kummissjoni iżda tikkonċedi, li prezz negattiv tax-xiri f'ċerti eċċezzjonijiet jista' jiġi aċċettat minn investitur li jinnegozja f'suq liberu, jekk l-ispejjeż tal-likwidazzjoni li waqgħu fuq il-bejjiegħ ikunu ogħla. Għall-kalkulazzjoni tal-ispejjeż tal-likwidazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati biss dawk ir-responsabbiltajiet, li kieku kien jikkometti ruħu għalihom investitur li jinnegozja f'suq liberu ([29]). Responsabbiltajiet marbuta ma' għajnuniet statali huma esklużi, għaliex dawn ma kinux jittieħdu minn investitur li jinnegozja f'suq liberu ([30]). Ir-responsabbiltà tal-garanzija hija responsabbiltà li tista' ma tiġix ikkunsidrata ([31]). Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, li dan il-każ jikkonsisti f'għajnuna u għalhekk issuġġerit miżuri addattati għall-kanċellament tagħha ([32]). L-ispejjez potenzjali li jinqalgħu waqt proċessi marbuta mar-responsabbiltà tal-garanzija ma jistgħux jiġu klejmjati mill-istat ta' Sachsen la waqt il-bejgħ hu għandu l-irwol ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu. Il-Ġermanja ma nfurzat l-ebda responsabbiltajiet oħra, li investitur li jinnegozja f'suq liberu għandu jikkunsidra waqt il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż tal-likwidazzjoni.

(83) Il-Kummissjoni tikkonferma, li hi ma tistax taċċetta l-argument tal-Ġermanja, li it-telf ta' equities li jammonta għal EUR 880 miljun ikun pertinenti għall-istat ta' Sachsen, għaliex dan ikun diġa biegħ lil Sachsen LB u m'għandux jikkunsidra it-telf waqt proċessi tal-likwidazzjoni potenzjali, iżda biss l-ispejjeż addizzjonali li jinqalgħu.

(84) Il-Kummissjoni tinnota, li l-istat ta' Sachsen bħala propjetarju ta' parti provda l-garanzija shiħa u s-sidien l-oħra ma għamlu provvediment għall-ebda mezz fil-garanzija. Bħala ritorn għall-garanzija, li fl-aħjar każijiet (anke jekk mhux probabbli) tammonta mill-inqas għal EUR […] miljun u twassal sa EUR 2,75 biljun, l-Istat ta' Sachsen immira biss permezz tal-bejgħ ta' Sachsen LB għal EUR […] miljun.

(85) Il-Kummissjoni għalhekk tasal għall-konklużjoni, li l-istat ta' Sachsen beigħ lil Sachsen LB għal prezz tax-xiri negattiv u għalhekk ippermetta lil Sachsen LB għajnuna mill-istat.

7.1.3. IL-FINANZJAMENT MILL-ĠDID TAS-SUPER-SIV

(86) Il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni marbuta mal-liġi tal-kompetizzjoni għall-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV permezz tal-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra u wara l-konklużjoni hi żammet mal-pożizzjoni tagħha, li din il-miżura mhijex għajnuna mill-istat.

([27]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-każ C 28/02, korporazzjoni bankarja Berlin (ĠU L 116, 14.5.2005, p. 1, paragrafu 140).

([28]) Qabbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27.6.2007 fil-każ C50/06, BAWAG; għadha mhix ppubblikata, numru 155.

([29]) Każi legali assoċjati C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Hytasa, Slg. 1994, I-4103, numru 22.

([30]) Qabbel mal-każ legali C-334/99, Gröditzer Stahlwerke, Slg. 2003, I-1139, numru 133 ff., u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 t'April 2008 fil-każ C 56/08, bank ta' Burgenland, għadha mhix ippubblikat.

([31]) Qabbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 t'April 2008 fil-każ C 56/08, bank ta' Burgenland, għadha mhix ippubblikata.

([32]) Qabbel man-nota 1 ta' qiegħ il-paġna. Ir-responsabbiltà tal-garanzija xorta waħda tibda' tinġarr, jekk il-bank jiddikjara, li hu ma jistax jissodisfa aktar ir-responsabbiltajiet tiegħu, jiġifieri jiddikjara l-falliment tiegħu. It-tranżazzjoni in kwistjoni tidher għalhekk li tagħti vantaġġ lil Sachsen LB, għaliex hi ma tipproteġix biss lill-krediturі, iżda ukoll tiggarantixxi s-sopravivenza tal-bank.

(87) It-twaqqif tas- Super-SIV huwa definittivament marbuta mar-ristrutturar u mal-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW. Minħajr is-Super-SIV Sachsen LB kien ikollu jkopri telf ta' mark-to-market ta' madwar EUR […(0,5-1,5)] Biljun. It-twaqqif tas-Super-SIV huwa għalhekk strettament marbut mar-ristrutturar u l-bejgħ ta' Sachsen LB. Il-prezz tax-xiri mħallas mill-LBBW u l-evalwazzjoni tal-valur tal-intrapriża tal-bank diġa jippermettu t-twaqqif tas-Super-SIV u l-likwidtà provvista mill-LBBW u l-banek reġjonali.

(88) Iżda il-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV jista' jitqies bħala għajnuna mill-istat, jekk l-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra jieħdu kumpens eċċessiv għal-likwidità provvista minnhom u jekk l-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra bil-provvista tal-likwidità maħsuba għas-Super-SIV ma jkunux aġixxew bħala investitur li jinnegozja f'suq liberu.

(89) Il-provvista tal-likwidità u l-finanzjament mill-ġdid huma parti min-negozju ċentrali ta' bank. Banek jipprovdu likwidità għal parteċipanti tas-suq, li huma jiffinanzjaw mill-ġdid permezz ta' self ta' somom simili. Kull bank jagħżel l-aħjar strateġiji għall-finanzjament mill-ġdid skont l-istruttura attiva-passiva tiegħu (marbuta mal-perjodu tal-validità u mal-oriġini tal-assi), biex ikun hemm titjib fil-qasam tal-ispejjeż sħaħ tal-finanzjament mill-ġdid u għalhekk jillimita ir-riskji marbuta magħhom għall-minimu. Fil-proċess ta' finanzjament mill-ġdid, id-data tal-maturità ta' bonds tista' tiġi mqassra jew imtawwla, jiġu negozjati rati ta' interessi iżgħar jew isir ftehim fuq taħlita ta' dawn il-possibiltajiet differenti. Mid-differenza bejn id-dħul minn per eżempju provvista ta' likwidità (għal żmien twil) u l-ispejjeż ta' self ta' flus (għal żmien qasir), hemm il-possibiltà li jsiru xi profitti.

(90) Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni, li l-LBBW u l-banek l-oħra reġjonali m'għandhom l-ebda vantaġġ mill-provvista tal-likwidità meħtieġa għas-Super-SIV. Meta wieħed jikkunsidra in-numru kbir ta' possibiltajiet ta'investiment fis-suq tal-kapital nazzjonali u internazzjonali l-LBBW u l-banek l-oħra reġjonali setgħu bla dubju ta' xejn jinvestu l-likwidità provvista għas-Super-SIV banda oħra. Permezz tal-finanzjament mill-ġdid tas- Super-SIV il-volum tal-finanzjament mill-ġdid tagħhom ma żdiedtx. Barra minn hekk permezz tal-finanzjament mill-ġdid ma intlaħaq l-ebda dħul aktar mill-valur attwali tas-suq, speċjalment għaliex kellu jitħallas kumpens għar-riskju baxx riżultat tal-garanzija statali. L-għan tas-Super-SIV huwa li jinżamm is-sett ta' investimenti sal-maturità. Id-dħul huwa riżultat tar-rimborż tal-assi li huma l-bażi tas-CP tas-sett ta' investimenti b'dati tal-maturità differenti. Iżda ġie miftiehem, li d-dħul mis-Super-SIV jintuża esklussivament biex jitħallsu l-kumpens għall-garanzija offrut mis-Super-SIV lill-istat ta' Sachsen, l-ispejjeż tal-ġestjoni tas-Super-SIV u rikompensa adekwata għal-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra għall-provvista tal-likwidità meħtieġa għall-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV.

(91) Barra dan il-Kummissjoni hi tal-opinjoni, li il-provvista tal-likwidità għas-Super-SIV mogħtija mill-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra saret taħt kundizzjonijiet normali għas-suq u investitur li jinnegozja f'suq liberu, li kieku kien fil-pożizzjoni ta' din l-istituzzjoni tal-kreditu, kien jinnegopzja hekk ukoll, b'tal imod li l-għajnuna mill-Istat-marbuta mas-Super-SIV ma tiżdidtx. Kif spjegat aktar 'il fuq, ġiet imħallsa rikompensa adekwata lil banek mid-dħul tas-SIV. Barra dan l-investimenti strutturati tas-sett ta' investimenti għal valur ta' EUR 17,5 biljun ġew trasferiti fis-Super-SIV u għandhom jinżammu sal-maturità tagħhom. Il-kriterju deċisiv għall-kwantifikazzjoni tar-riskji marbuta ma' dan it-trasferiment huwa għalhekk "telf" mal-maturità u mhux telf mark-to-market fuq bażi ta' suq temporanju ineżistenti. It-telf mistenni (riskju ta' telf) fil- "bad case" ġie stmat għal EUR […(> 800)] miljun, biex b'hekk l-LBBW xorta kellha għad-dispożizzjoni tagħha s-somma mwarrba ta' EUR […] biljun. Millat intraprenditorjali, ir-riskju li kkomettew ruħhom għalih l-LBBW u l-banek l-oħra reġjonali jista' għalhekk jitqies bħala limitat, dan jgħodd ukoll għar-riskju, li l-istat ħa barra mill-garanzija tal-istat ta' Sachsen ta' EUR 2,75 biljun. Peress li l-LBBW u l-banek l-oħra reġjonali ġew imħallsa b'interessi noramli għas-suq, f'dan il-każ speċifiku m'hemm l-ebda raġuni, għaliex il-finanzjament mill-ġdid m'għandux jitqies bħala wieħed li sar skont il-prinċipji ekonomiċi tas-suq.

(92) Barra minn hekk il-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV permezz tal-LBBW u l-banek reġjonali mhuwiex komparibbli mal-ewwel miżura, li hija għajnuna għall-vantaġġ ta' Sachsen LB. Il-kundizzjonijiet tas-suq f'Diċembru tal-2007 komparat ma' Awwissu tal-2007 kien inbiddlu b'mod konsiderevoli. F'Awwissu 2007 bażikament ma kienx hemm aktar investituri li kienu lesti, li jinvestu f'Conduit bħas-Super-SIV. Ir-riskju meħud mill-bank pool b'rikompens ta' […] punti bażiċi marbut mal-fatt li f'dak iż-żmien ma kienx hemm aktar min hu interessat, li jinvesti f'dawn il-Conduits mhuwiex konformi mas-suq. Min-naħa l-oħra f'Diċembru invetituri xtraw mill-ġdid CP b'sigurtà ta' ħlas minħabba il-kundizzjonijiet imtejjba tas-suq. Barra dan l-iskop tas-Super-SIV kien, li s-sett ta' investimenti inkorporati fih jinżammu sal-maturità, waqt li l-banek għall-ippuljar xtraw CP li kienu temporanji u li hu żgur li ma jiġux miżmuma sad-data tal-maturità tas-CP. Ir-rikompens mit-Trattat tal-ippuljar kien żgħir ħafna, b'tali mod li investituri minn Ottubru 2007 'l hemm reġgħu xtraw CP barra dawk tat-Trattat tal-ippuljar. L-irkupru tas-suq kien ifisser, li investituri reġgħu interessaw ruħhom għal CP, anke jekkk dawn ma kinux lesti li jħallsu valur nominali. Meta wieħed jikkunsidra ir-riskji ta' falliment stmati, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni, li l-finanzjament mill-ġdid permezz tal-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra kien ikun funġibbli għal investitur li jinnegozja f'suq liberu, li kieku sab ruħhu fl-istess sitwazzjoni bħal din l-istituzzjoni tal-kreditu u għalhekk hu ma jinkludi l-ebda għajnuna mill-Istat, li hija aktar mill-valur tal-garanzija mogħtija

mill-istat ta' Sachsen. Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni, li l-finanzjament mill-ġdid tas-Super SIV ma jinkludix fih aktar għajnuna mill-istat.

7.2. *KONFORMITÀ MAS-SUQ KOMUNI*

(93) Skond l-opinjoni tal-Kummissjoni il-miżuri in kwistjoni li huma kif spjegat aktar 'il fuq għajnuna mill-istat, jistgħu jiġu ddikkjarati konformi mas-Suq Komuni biss fuq il-bażi tal-Artikolu 87 paragrafu 3 ittri b u c tat-Trattat tal-KE, għaliex il-kundizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan l-Artikolu mhumiex applikabbli.

7.2.1. L-ARTIKOLU 87 PARAGRAFU 3 ITTRA B TAT-TRATTAT TAL-KE — GĦAJNUNA GĦALL-ELIMINAZZJONI TA' FALLIMENTI KBAR FL-EKONOMIJA TA' STAT MEMBRU

(94) Skont l-Artikolu 87 paragrafu 3 ittra b tat-Trattat tal-KE għajnuna għall-elimnazzjoni ta' fallimenti kbar fl-ekonomija ta' stat membru huma konformi mas-Suq Komuni. Il-Kummissjoni iżda tixtieq l-ewwel tagħmilha ċara, li l-CFI tal-Kommuntajiet Ewropej enfasizza, li l-Artikolu 87 paragrafu 3 ittra b tat-Trattat tal-KE huwa biss applikabbli b'mod restrittiv b'tali mod li l-għajnuna m'għandiex tibbenefika minnha l-intrapriża jew fergħa tal-ekonomija biss, iżda li sservi biex jiġi eliminat falliment fl-ekonomija shiħa ta' stat membru. Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet, li falliment ekonomiku sostanzjali ma jiġix eliminat permezz ta' għajnuna, li l-iskop tagħha hu, "li jiġu eliminati diffikultajiet ta' benefiċjarju wieħed […] u mhux tal-fergħa ekonomika kollha". Barra minn hekk il-Kummissjoni fil-każijiet kollha marbuta ma' banek f'diffikultajiet li kellha s'issa, qatt ma bbażżat fuq ir-regolamenti tat-Trattat tal-KE.

(95) L-investigazzjoni kkonfermat l-osservazzjoni tal-Kummissjoni, li l-problemi ta' Sachsen LB huma attribwiti għal avvenimenti marbuta speċifikament ma' intrapriża. Barra minn hekk l-informazzjoni li ssottomettiet il-Ġermanja ma kkonvinċitx lill-Kummissjoni, li mill-effetti sistematiċi riżultat ta' falliment ta' Sachsen LB tista' tintlaħaq miżura, li turi "falliment sostanzjali fl-ekonomija" tal-Ġermanja relatata ma'l-Artikolu 87 paragrafu 3 ittra b ([33]). Għalhekk il-każ preżenti jinvolvi problemi speċifiċi ta' Sachsen LB, b'tali mod li miżuri bl-iskop ta' rimedji huma meħtieġa u li jistgħu jittieħdu skont ir-regolamenti għal intrapriżi f'diffikultajiet. Għalhekk il-Kummissjoni m'għandha l-ebda bażi biex tiddikjara li l-miżuri in kwistjoni huma konformi mas-Suq Komuni skont l-Artikolu 87 paragrafu 3 ittra b tat-Trattat tal-KE.

([33]) Qabbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 t'April 2008 fil-każ NN 25/08, għajnuna għas-salvataġġ ta' WestLB, (għadha mhix ippubblikata).

7.2.2. L-ARTIKOLU 87 PARAGRAFU 3 ITTRA C TAT-TRATTAT TAL-KE: GĦAJNUNA GĦAL INTRAPRIŻI F'DIFFIKULTAJIET

(96) Fl-opinjoni tal-Kummissjoni Sachsen LB skont numru 9 tad-Direttivi probabilment ma kinitx tkun fil-pożizzjoni li tirreżisti fit-tul il-kriżi tal-likwidità mingħajr il-faċilità tal-likwidità tal-bank pool u mingħajr il-ħlas bil-quddiem ta' EUR 250 miljun. It-telf imminenti kien iwassal għall-għeluq tal-bank fejn il-kundizzjonijiet f'numru 10 ittra c tad-Direttivi kienu jiġu ssodisfati. Il-Ġermanja ma kinitx appellat għal din il-kwistjoni mal-ftuħ tal-bidu ta' proċeduri.

7.2.2.1. ***Għajnuna tas-salvataġġ***

(97) L-investigazzjoni kkonfermat li l-opinjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri, li l-ewwel (imma mhux it-tieni) miżura tista' tiġi kkunsidrata bħala għajnuna ta' salvataġġ konformi mas-Suq Komuni tissodisfa il-kundizzjonijiet kollha tan-numru 25 tad-Direttivi u speċjalment dawk spjegati minn issa 'il quddiem.

Forma ta' għajnuna

(98) Għajnuna ta' salvataġġ għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' numru 25 ittra a tad-Direttivi, li riżultat tagħhom għajnuna ta' salvataġġ għandha tingħata fil-forma ta' titoli bħala self jew self u għall-ħlas lura tas-self u għall-maturità tas-titoli ikun hemm massimu ta' sitt xhur żmien mill-ħlas tal-ewwel rata ([34]).

(99) Fil-każ preżenti il-bank pool għamlet il-faċilità tal-likwidità disponibbli għal Sachsen LB permezz tal-akkwist tas-CP maħruġa minn Ormond Quay. F'dak li għandu x'jaqsam mal-konferma tal-Ġermanja, li r-riskju ta' falliment ta' Sachsen LB huwa marbut mal-pożizzjonijiet tas-suq kapitali il-faċilità tal-likwidità tista' tiġi kkunsidrata bħala overdraft ta' EUR 17,1 biljun għal sitt xhur. Fi kliem ieħor il-provvista tal-likwidità hija komparabbli ma kreditu tal-bank pool għal Sachsen LB. Barra dan il-benefiċċju huwa temporanju u l-likwidità provvista titħallas lura f'perjodu ta' inqas minn sitt xhur wara l-ħlas tal-ewwel rata lill-intrapriża. Il-miżura ma tinkludi l-ebda element strutturali, hija limitata għall-provvista assoluta ta' likwidità u hija miżura għall-benefiċċju limitat għal sitt xhur.

([34]) Fis-settur bankarju jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għal għajnuna ta' salvataġġ. Qabbel in-nota ta' qiegħ il-paġna ma' numru 25 ittra a tad-Direttivi, li tgħid, li għajnuna li tingħata fil-forma ta' titoli bħala self jew self, li jissodissfaw ir-rekwiżiti tan-numru 25 ittra a tad-Direttivi, għandha tkun konformi mal-prinċipji komuni validi u ma tistax tinkludi fiha miżuri ta' finanzjament tat-tip strutturali, li jaffettwaw ir-riżorsi kapitali tal-bank. Qabbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 fil-każ NN 70/07, Northern Rock, għadha mhix ippubblikata, numru 43, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 t'April 2008 fil-każ NN 25/08, għajnuna ta' salvataġġ għall-WestLB, għadha mhix ippubblikata.

(100) Barra dan l-ispejjeż tal-finanzjament mill-ġdid ta' Sachsen LB permezz tal-faċilità tal-likwidità ma waqgħux fuq livell aktar 'l isfel mir-rati normali tas-suq. Bħalma ssemma fin-numri 0 u 0, dan irriżulta fil-kumpens imħallas minn Sachsen LB skont l-EURIBOR, li fis-6 t'Awwissu 2007 kien jgħodd għal 4,112 ([35]) miżjuda ma' […] punti bażiċi, dan ifisser li tħallas kumpens ta' […], li b'ħekk kien aktar mir-rata ta' interessi tar-referenza għall-Ġermanja li f'Awwissu 2007 kienet 4,62.

Il-minimu meħtieġ

(101) Skont numru 25(d) l-ammont ta' għajnuna għas-salvataġġ għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ għall-ġestjoni tal-intrapriża waqt is-sitt xhur, li għalihom ingħatat l-għajnuna. Il-Kummissjoni f'dan il-qasam tagħmel referenza għall-fatt, li l-obbligu tax-xiri tal-bank pool huwa biss għal CP, li ma setgħux jiġu mqiegħda fis-suq. Il-bank pool għalhekk kien obbligat biss, li jixtri kull CP maħruġa minn Ormond Quay, li t-tqegħid tagħhom fis-suq ma kienx possibbli għal investituri oħra ħlief għal banek għall-ippuljar. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni, li l-provvista tal-faċilità tal-likwidità tkun il-minimu meħtieġ għall-ġestjoni tan-negozju ta' Sachsen LB.

(102) Peress li l-maturità tas-CP ma tistax taqbeż ix-xahar, kull xahar ħarġu CP ġodda. Minn Ottubru tal-2007 ftit investituri (speċjalment […banek, li huma tas-settur pubbliku)]) reġgħu xtraw CP, li tpoġġew fuq is-suq u ma kinux marbuta mal-kuntratt tal-ippuljar, b'ħekk it-Trattat għall-ippuljar tilef l-iskop oriġinali tiegħu.

Biex jiġi evitat tfixkil inaċċettabbli tal-kompetizzjoni

(103) Skont numru 25 ittra b tad-Direttivi, għajnuna għas-salvataġġ tista' tiġi ġġustifikata minħabba raġunijiet soċjali urġenti, iżda ma tistax tħalli effetti serji fi Stati Membri oħra. Il-miżura in kwistjoni tista' tiġi ġġustifikata minħabba raġunijiet soċjali urġenti, għaliex mingħajr il-miżura, Sachsen LB kien ikollu jxolji, sitwazzjoni li kienet tkun marbuta ma' numru konsiderevoli ta' ħaddiema mingħajr xogħol. Il-miżura ma kelliex effetti serji fi Stati Membri oħra, għaliex il-bank bir-rekwiżiti finanzjarji tat-Trattat għall-ippuljar ma kienx ikun f'pożizzjoni, li jidħol b'qawwa fis-suq.

Il-prinċipju bażiku tal-għajnuna unika

(104) Il-prinċipju bażiku tal-għajnuna unika ġie sodisfatt, għaliex s'issa qatt ma ingħatat għajnuna għas-salvataġġ jew għar-ristrutturar lill-Sachsen LB.

([35]) Peress li l-bank pool iffinanzjat mill-ġdid is-sett ta' investimenti fuq bażi ta' xahar xahar, l-EURIBOR ġiet implimentata għal xahar.

7.2.2.2. ***Għajnuna għar-ristrutturar***

(105) Mir-riżultati tal-investigazzjoni il-Kummissjoni setgħet toħroġ il-konklużjoni, li t-tieni miżura, li hija għajnuna għas-salvataġġ tista' titqies bħala għajnuna għar-ristrutturar konformi mas-suq Komuni, għaliex hi tissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-Direttivi.

Irkupru tal-profitt għal żmien twil

(106) L-investigazzjoni preżenti l-ewwel tikkonferma, li permezz tar-ristrutturar il-profitt għal żmien twil ta' Sachsen LB jiġi rkuprat. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni il-bejgħ ta' Sachsen LB lil-LBBW huwa ta' importanza kbira għas-soluzzjoni tad-diffikultajiet li inqalgħu u għal żvilupp ekonomiku pożittiv tal-Bank ġewwa l-LBBW-Gruppe. L-LBBW setgħet implimentat il-mudell il-ġdid tan-negozju għal Sachsen LB b'suċċess f'Rheinland-Pfalz. Barra dan il-Ġermanja rreferit għall-fatt, li d-dħul minn equities ta' Sachsen Bank jista' jilħaq lill-kompetitur privat.

(107) Barra dan l-investigazzjoni kkonfermat, li l-LBBW ħadet f'idejha l-orjentazzjoni mill-ġdid tas-settur tan-negozju tal-banek f'Sachsen u neħħiet l-oqsma tan-negozju li kienu qed iġibu telf f'Sachsen għaliex f'Sachsen ma sarx aktar negozju ta' investiment strutturat ġodda.

(108) L-ewwel mudell tan-negozju tal-LBBW juri, li l-attività tan-negozju tal-futur ta' dak li kien Sachsen LB tnaqqset u wieħed qed jikkonċentra fuq tranżazzjonjiet kummerċjali għal intrapriżi u klijenti privati f'Sachsen u fir-reġjuni li jmissu miegħu, waqt li r-responsabbiltajiet ċentrali għandhom jiġu integrati fl-LBBW u jiġu amministrati minn hemm. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, kif joħroġ minn dokumenti il-konċentrament ta' Sachsen LB fuq klijenti li huma intrapriżi u fuq klijenti privati sinjuri huwa mudell tan-negozju sostenibbli. Dawn l-attivitajiet tan-negozju jieħdu post il-mudell tan-negozju tat-tfaddil; l-LBBW setgħet diġa tipprova din is-sostenibbiltà ta' dan il-mudell f'Baden-Württemberg u f'Rheinland-Pfalz. Il-Kummissjoni vverifikat it-tbassir dwar l-iżvillup tas-suq marbuta ma' dan u sabet dan it-tbassir plawsibbli, id-dħul stmat fl-opinjoni tal-Kummissjoni jista' jintlaħaq. Konsegwenza tar-riżultati spjegati hawn il-bank ta' Sachsen għandu jkun fil-pożizzjoni, li jikkompeti fis-suq finanzjarju ta' Sachsen u 'il barra mill-fruntiera bil-ħila tiegħu stess. It-tieni kif joħroġ mid-deskrizzjoni dettaljata tal-fatturi ċikliċi, li wasslu għad-diffikultajiet tal-bank, it-trasferiment tan-negozju ta' suq kapitali u tan-negozju bi propjetarji lil-LBBW u t-tnaqqis tal-attività tan-negozju ta' Sachsen LB Europe stipulata fil-pjan ta' ristrutturar huma żgur meħtieġa, sabiex żbalji tal-passat ma jerġgħux jirrepetu ruħhom.

(109) Għal raġunijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni ħadet ħsieb, li fil-pjan ta' ristrutturar għall-Sachsen LB tidħol ukoll is-soluzzjoni sostenibbli għall-irkupru ta' profitt għal żmien twil ta' Sachsen LB bħala enitità awtonoma fiż-żmien tal-bejgħ tal-bank, avolja dan il-mudell minħabba l-integrazzjoni ta' Sachsen LB mal-LBBW, li permezz tagħha is-sopravivenza ta' Sachsen LB ġiet żgurata qatt ma ħa forma konkreta. Mill-pjan ta' ristrutturar, li miegħu ġie anness studju tas-suq u li kien ibbażżat fuq tbassir solidu dwar l-iżvilupp tas-suq joħroġ, li l-mudell tan-negozju magħżul huwa ta' valur. Dan jista' jiġi konkluż miċ-ċifri kummerċjali t'hawn fuq, li minnhom irriżulta, li anke fl-aktar każ diffiċli ("worst case") id-dħul qabel it-taxxa u l-profitt ta' Sachsen LB fil-perjodu bejn l-2007 u l-2012 […] ser jiżvillupa b'mod pożittiv. Id-dħul qabel it-taxxa minn tranżazzjonijiet għal klijenti li huma intrapriżi (Corporate Finance) ser jikbru minn EUR […] miljun għal EUR […] miljun, li tfisser rata ta' tkabbir annwali akkumulat ta' […]. Flimkien dawn jirriżultaw għal tkabbir ta' […] għal sinerġiji u tkabbir ta' […] għal sinerġiji tad-dħul. Il-[…] għandu jiġi attribwit għall-ispejjeż tar-ristrutturar u għandu jinżel minn EUR […] miljun għal EUR […] miljun. Il-Kummissjoni vverifikat ukoll is-suppożizzjonijiet ibbażati fuq il-pjan ta' ristrutturar u ma tara l-ebda raġuni għala dan ma jistax jiġri fir-realtà.

7.2.2.3. ***Limitazzjoni ta' għajnuna għall-minimu meħtieġ – kontribuzzjoni privata***

(110) Id-dubju tal-Kummissjoni, li l-għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ, jista' jiġi mwarrab. Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li kontribuzzjoni meħtieġa għar-ristruttutar konformi mar-rekwiżiti fid-Direttivi għandha tingħata mill-fondi privati jiġifieri aktar minn 50 % tal-ispejjeż tar-ristrutturar jiġu finanzjati minnu stess.

(111) Il-Kummissjoni waslet għal din il-konklużjoni billi kkunsidrat l-aspetti li ġejjin spjegati.

(112) L-ewwel, f'dak li għandu x'jaqsam ma' tranżazzjonjiet legali mingħajr għajnuna, il-bank ġie mibjugħ lil propjetarju ġdid, l-LBBW. L-LBBW iġġorr l-ispejjeż kollha tar-ristrutturar marbuta mat-twaqqif tas-Super-SIV u mal-integrazzjoni ta' Sachsen LB li ġew stmati minn EUR […] miljun sa EUR […] miljun.

(113) It-tieni, l-LBBW ħallas qabel kollox kumpens ta' EUR 250 miljun għat-telf. Barra dan huwa ħa parti tat-telf u l-ħtieġa tal-finanzjament tas-sett ta' investimenti 1. Barra minn hekk l-LBBW kellu jbiegħ assi partikulari ta' Sachsen LB. Peress li bħalissa għadu mhux possibbli, li wieħed jgħodd l-ammont ta' dħul minn dan il-bejgħ, dan ma jistax jitqies bħala kontribuzzjoni privata.

(114) It-tielet, Sachsen LB kellu bżonn mezzi likwidi ta' EUR 17,5 biljun għall-finanzjament tal-entità għal skopijiet speċjali tiegħu, li hu investa f'investimenti strutturati. Għalkemm hawnhekk prinċipalment wieħed qed jirreferi għal proċeduri normali ta' bank (li magħhom kieku m'hemm marbuta l-ebda spejjeż għar-ristrutturar), is-sitwazzjoni kienet tkun differenti fil-każ speċjali ta' Sachsen LB, li ma kienx jiflaħ iħallas aktar dan it-tip ta' finanzjament mill-ġdid ([36]).

(115) Għalhekk toħroġ il-mistoqsija, jekk hux dan il-finanzjament mill-ġdid jista' jiġi aċċettat bħala kontribuzzjoni privata.

(116) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni, li l-kundizzjonijiet tal-finanzjament mill-ġdid aċċettati mill-LBBW u l-banek reġjonali l-oħra huma termini u kundizzjonijiet, li kieku kienu jiġu aċċettati ukoll minn investitur li jinnegozja f'suq liberu fl-istess sitwazzjoni, meta wieħed jikkunsidra il-garanzija ta' EUR 2,75 biljun mogħtija mill-istat ta' Sachsen. Fil-każ ta' investituri privat indipendenti dan it-tip ta' finanzjament mill-ġdid kien ikollu jsir permezz tar-riżorsi kapitali tal-bank akkwistat jew permezz ta' finanzjament barrani mill-banek l-oħra li jinvestu mogħti skont il-kundizzjonijiet tas-suq (ara paragrafu 7.1.3). Fejn tidħol il-garanzija, is-somma ta' finanzjament mill-ġdid ta' EUR 2,75 biljun definittivament mhijiex ħlas mingħajr għajnuna, fejn jista' jiġi ppruvat, li din setgħet affettwat il-porzjon kollu subordinat, li ġie finanzjat mix-xerrej ([37]). Il-miżura in kwistjoni għalhekk ma tiġix għajnuna mill-istat, hi sempliċiment tibbenefika minn għajnuna mill-istat.

(117) Għall-kuntraraju ta' dan il-Kummissjoni mhix tal-opinjoni, li f'dan it-tip ta' xenarju l-finanzjament għat-tieni porzjon antiċedenti mill-banek l-oħra indipendenti li jinnegozjaw f'suq liberu jinkludi fih għajnuna. F'dan il-każ il-banek li jinvestu kienu jkunu protetti permezz tal-porzjon subordinat sħiħ ta' EUR 8,54 biljun (u għalhekk irrispettivament mill-garanzija, li ta l-istat ta' Sachsen). Id-deċiżjoni tagħhom li jieħdu f'idejhom il-finanzjament mill-ġdid tal-porzjon antiċedenti, hija bbażata fuq il-fatt, li huma kienu gawdew mill-protezzjoni tal-ewwel porzjon sħiħ. Kull tip ta' għajnuna f'din is-sitwazzjoni kienet tkun limitata għall-ewwel porzjon, sabiex għall-inqas it-tieni porzjoni jkun jista' jitqies bħala marbut mas-suq liberu u għalhekk bħala kontribuzzjoni privata.

(118) Il-Kontribuzzjoni privata f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament mill-ġdid tas-Super-SIV għalhekk hija ta' ftit aktar minn EUR 8,75 biljun.

([36]) Il-provvista ta' likwidità permezz ta' banek kienet ukoll suġġett tal-proċeduri ta' verifika, li wasslu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C 58/03, Alstom (ĠU L 150, 10.6.2005, p. 24 paragrafu 216). Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2007 fil-każ C 54/06, Bison Bial (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 41, paragrafu 62 ff.).

([37]) Il-Kummissjoni f'każijiet oħra preċedenti ta' finanzjament mill-ġdid aċċettat, li partijiet mis-self, li ma kinux soġġetti għal garanzija, jiġu meqjusa bħala kontribuzzjoni privata. Għal aktar informazzjoni ara deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7.3.2007 fil-każ C 10/2006, Cyprus Airways Public Ltd. (ĠU L 49, 22.2.2008, p. 25, paragrafu 139).

(119) Fl-aħħar ta' min jinnota, li EUR […] biljun mill-ispejjeż tar-ristruttrar jistgħu jiġu aċċettati bħala kontribuzzjoni privata. Għalhekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni, li l-kontribuzzjoni privata b'kollox tammonta għal 51 % tal-ispejjeż tar-ristrutturar u għalhekk hija aktar mill-kontribuzzjoni ta' mill-inqas 50 % meħtieġa fid-Direttivi.

7.2.2.4. ***Biex jiġi evitat tfixkil inaċettabbli tal-kompetizzjoni – miżuri ta' kumpens***

(120) Wara l-investigazzjoni u wara taħditiet mal-Ġermanja l-Kummissjoni hi konvinta, li ġew meħuda biżżejjed miżuri biex jitnaqqsu kemm jista' jkun effetti negattivi tal-għajnuna fuq il-kompetituri. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni il-miżuri huma proporzjonati meta imqabbla ma' effetti tat-tfixkil kkawżati mill-għajnuna, li prinċipalment jattribwixxu għall-ġestjoni ta' Sachsen LB -anke bħala parti mill-LBBW.

(121) Kien hemm tnaqqis ċar fin-negozju tas-suq kapitali. Dan jinkludi speċjalment il-likwidità jiġifieri l-bejgħ ta' Sachsen LB Europe, li jmur lil hinn mill-intenzjonijiet oriġinali tal-pjan ta' ristrutturar. L-LBBW kellu l-intenzjoni, li jkompli bl-attività kummerċjali tal-kumpanija sussidjarja f'Dublin anke jekk fuq skala żgħira. Indipendentament mill-fatt, li uħud mill-aktar settijiet ta' investiment fdati tagħha fil-proċess tal-kriżi finanzjarja urew telf, Sachsen LB Europe hija fornitur ta'servizzi stabbiliti għal investimenti finanzjarji strutturati b'għarfien relevanti. Sachsen LB Europe kellha tkompli n-negozju għal terzi persuni u b'dan il-mod kieent tkun tista' takkwista dħul permezz ta' commissions għall-Sachsen LB/LBBW. Sachsen LB Europe kienet sal-iżviluppi li saru fis-sajf tal-2007 is-sors tad-dħul ċentrali tas-Sachsen LB-Gruppe. Barra minn hekk kienu l-fergħat tan-negozju ta' Sachsen-LB Europe li ġew affettwati min tfixkil minħabba t-tmexxija kompettitiva ta' Sachsen LB. Il-Kummissjoni għalhekk tqis il-likwidazzjoni jiġifieri l-bejgħ ta' Sachsen LB Europe bħal miżura effettva ta' kumpens.

(122) Fl-opinjoni tal-Kummissjoni il-bejgħ tal-ishma lill-kumpanija sussidjarja East Merchant GmbH, li fin-negozju tas-suq finanzjarju strutturat kellha rwol importanti kienet miżura effettiva ta' kumpens. East Merchant hija attiva f'ħafna mill-oqsma tan-negozju tas-suq finanzjarju fost l-oħrajn fin-negozju permezz ta' kiri ta' trasport u servizzi loġistiċi. L-intrapriża kienet tikkontribwixxi regolarment b'riżultati tajbin għall-profitti ta' Sachsen LB.

(123) L-istess jgħodd għall-bejgħ tal-[…]. Biex dawn il-kumpaniji jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq […], kif issuġġerit aktar 'il fuq, fil-verità ma jistgħux jiġu assoċjati ma' attivitajiet subprime. Peress li l-bejgħ ta' dawn iż-żewġ kumpaniji sussidjarji ma kienx prevvist fil-pjan ta' ristrutturar tal-LBBW għall-Sachsen LB, il-bejgħ tagħhom jista' jitqies bħala miżura ta' kumpens.

(124) Barra minnhekk il-Ġermanja u l-LBBW ikkommettew ruħhom, li l-bank ta' Sachsen ma jinnegozjax bħala propjetarju u ma jagħmel l-ebda negozju internazzjonali fil-qasam tal-propjetà immobbli.

(125) Il-bejgħ deskritt hawn jolqot intrapriżi, li skont il-pjan għall-2008 kellhom jġibu madwar […(> 25)] % tal-profitt ta' Sachsen LB-Gruppe. Dan għalhekk huwa miżura ta' kumpens, li fuq livell ta' skala u tip hija biżżejjed, biex tillimita b'mod adekwat l-effetti tat-tfixkil ta' din it-tip ta' għajnuna b'mod sostanzjali ([38]). Dan minkejja li l-kontribut kbir ta' għajnuna huwa meqjus relattivament żgħir imqabbel mal-preżenza fis-suq ta' Sachsen LB u l-miżuri meħuda mill-LBBW jikkontribwixxu ukoll għall-istabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji.

(126) Barra dan il-Kummissjoni tammetti, li s-sidien preċedenti tal-bank u dawk li jikkontrollow it-tmexxija m'għandhomx involuti fl-attività kummerċjali ta' Sachsen LB konsegwentament saret sejħa għat-taqbida tal-*Moral Hazard*.

(127) Kollox ma kollox il-Kummissjoni hi tal-opinjoni, li l-miżuri ta' kumpens imqabbla huma proporzjonati meta imqabbla mal-effetti tat-tfixkil, li l-għajnuna mogħtija lill-Sachsen LB ikkawżat.

(128) Il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kumpens hawn fuq imsemmija.

8. **SUĠĠERIMENT**

(129) Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni waslet għarriżutat, li ż-żewġ miżuri in kwistjoni –il-faċilità tal-likwidità u l-provvista ta' garanzija – ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 88 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE. Il-Kummissjoni iżda waslet għall-konklużjoni, li l-faċilità tal-likwidità hija għajnuna għas-salvataġġ u l-garanzija mogħtija għal Sachsen LB hija għajnuna għar-ristrutturar, li skont l-Artikolu 87 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE ġew meqjusa bħala konformi mas-suq komuni, jekk ir-rekwiżiti relevanti ġew sodisfati–

ĦARĠET ID-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-faċilità tal-likwidità u l-garanzija li ġew provvduti lil clearing house tal-bank reġjonali ta' Sachsen (Sachsen LB) b'konnessjoni mal-bejgħ tiegħu, jirrapreżentaw għajnuna mill-Istatskond l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, li hija konformi mas-Suq Komuni peress li tissodisfa l-kundizzjonijiet u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 2.

([38]) Qabbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C 58/03, Alstom, ĠU L 150, 10.6.2005, p. 24, paragrafu 201.

Artikolu 2

1. Il-Pjan tar-ristrutturar għall-Sachsen LB, li l-Ġermanja għaddiet lill-Kummissjoni f'April 2008 jiġi kompletament implimentat.

2. L-ishma li ġejjin ġew mibjugħa jew likwidati mill-grupp tal-bank reġjonali ta' Baden-Württemberg (LBBW-Gruppe) lil terzi partijiet indipendenti:

(a) Sachsen LB Europe plc tiġi mibjugħa jew likwidata għal […]. L-LBBW-Gruppe ma jieħu l-ebda personal ta' Sachsen LB Europe plc, jekk mhuwiex obbligat bil-liġi u ma joffri l-ebda kuntratti ġodda tax-xogħol lill-personal preżenti ta' Sachsen LB Europe plc u lanqas jikkonkludi dawn it-tip ta' kuntratti. Dan l-obbligu huwa validu għal żmien ta' sentejn wara l-ħruġ tad-deċiżjoni.

(b) Is-sehem fl-East Merchant GmbH jinbiegħ sal-[…].

(c) Il-[…] tbiegħ.

3. L-obbligi li ġejjin jiġu infurzati:

(a) Il-Ġermanja tiggarantixxi, li Sachsen LB, rappreżentat mill-LBBW, fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel tranżazzjonjiet marbuta ma' klijent bħala propjetarji għall-assistenza ta' klijenti tagħhom fil-qasam ċentrali tan-negozju tagħhom. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu sal-aħħar tas-sena 2011.

(b) Il-Ġermanja tiggarantixxi, li Sachsen LB, rappreżentat mill-LBBW fl-ebda wieħed mill-fergħat tiegħu fl-istat ta' Sachsen ma jagħmel tranżazzjonjiet internazzjonali marbuta ma' propjetà immobbli għall-assistenza ta' klijenti fil-qasam tan-negozju bażiku tagħhom bħala negozju indipendenti. Dan it-tip ta' tħaddim huwa validu sal-aħħar tas-sena 2011.

4. Biex il-konformità tal-kundizzjonijiet u l-obbligi konformi mal-paragrafi 1, 2 u 3 tiġi tkun tista' tiġi sorveljata, sal-2012 il-Ġermanja għandha tibgħat regolarment rapporti dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-pjan tar-ristrutturar u ta' dawn il-kundizzjonijiet u l-obbligi.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni